

KWESTJONARJU LILL-KUMMISSARJU NNOMINAT

is-Sur Maroš ŠEFČOVIČ

**Kummerċ u Sigurtà Ekonomika, Relazzjonijiet Interistituzzjonali u
Trasparenza**

1. Kompetenza ġenerali, impenn Ewropew u indipendenza personali

Liema aspetti tal-kwalifiki u tal-esperjenza personali tiegħek huma partikolarment rilevanti biex issir Kummissarju u tippromwovi l-interess ġenerali Ewropew, b'mod partikolari fil-qasam li tkun responsabbli minnu? Kif se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u ddaħħal tali perspettiva fl-oqsma ta' politika kollha tal-portafoll tiegħek? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva taż-żgħażaġh?

Liema garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament Ewropew, u kif tista' tiżgura li kwalunkwe attività li wettaqt, qed twettaq jew se twettaq ma tkunx tista' tqajjem dubji dwar il-qadi ta' dmirijietek fi ħdan il-Kummissjoni?

Nemmen li għandi l-kwalifiki u l-esperjenzi professjonali xierqa biex nagħti kontribut għall-interess ġenerali Ewropew.

Ix-xogħol tiegħi ilu ddedikat għall-affarijiet tal-UE għal aktar minn għoxrin sena issa. Ksibt għarfien dettaljat tal-istitutuzzjonijiet tal-UE u urejt impenn sod għall-proġett Ewropew komuni tagħna. L-ewwel nett, bħala Rappreżentant Permanenti tas-Slovakkja għall-UE (2004-2009). Aktar tard, bħala Kummissarju għall-Edukazzjoni, it-Taħriġ, il-Kultura u ż-Żgħażaġħ (2009-2010), imbagħad bħala Viċi President tal-Kummissjoni: għar-Relazzjonijiet Interistituzzjonali u l-Amministrazzjoni (2009-2014), l-Unjoni tal-Enerġija (2014-2019), ir-Relazzjonijiet Interistituzzjonali u l-Prospettiva (2019-2023), u bħalissa, bħala Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni għall-Patt Ekoloġiku Ewropew, ir-Relazzjonijiet Interistituzzjonali, u l-Prospettiva.

Matul dawn il-mandati, stinkajt b'mod kostanti biex nippromwovi l-interess Ewropew, filwaqt li nibni u nrawwem relazzjonijiet b'saħħithom fost l-istitutuzzjonijiet tal-UE u b'mod partikolari mal-Parlament Ewropew.

Jien partikolarment kburi bl-inizjattivi tagħna li kkontribwew b'mod sinifikanti għat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-Ewropa f'darha u madwar id-dinja, bħal li noħolqu bażi industrijali b'saħħitha għal teknoloġiji nodfa ġodda u emerġenti fl-UE; il-promozzjoni tax-xiri konġunt ta' komoditajiet strateġiċi bħall-gass, l-idroġenu u l-materja prima kritika; jew l-approfondiment tas-sħubijiet tal-UE mal-pajjiżi ġirien tagħna, pereżempju billi jiġu konklużi n-negozjati mar-Renju Unit wara l-Brexit li rriżultaw fil-Qafas ta' Windsor tal-2023 bejn l-UE u r-Renju Unit.

Ikkontribwejt ukoll b'mod attiv għad-dibattiti tal-Kulleġġ u għat-teħid tad-deċiżjonijiet, b'dimensjonijiet soċjali u ta' sostenibbiltà b'saħħithom dejjem ta' importanza kbira għall-ħidma tiegħi.

Kif inhu stabbilit fl-ittra ta' missjoni tiegħi, l-Ewropa teħtieġ politika ekonomika barranija ġdida, li tixpruna l-prosperità tagħna u tiżgura kundizzjonijiet ekwi globali. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, għalhekk se nistinka biex niżgura li l-kummerċ ħieles u ġust ikun ta' benefiċċju għan-negozji u l-konsumaturi Ewropej, billi niżviluppaw sħubijiet sostenibbli madwar id-dinja, billi nimmodernizzaw is-sistema doganali tagħna, billi nieħdu pożizzjoni aktar assertiva kontra l-kompetizzjoni inġusta u billi npoġġu s-sigurtà ekonomika fuq quddiem nett u fiċ-ċentru tal-isforzi tagħna.

Relazzjoni mill-qrib u kooperazzjoni kostruttiva mal-Parlament Ewropew kienu - u se jibqgħu - l-prinċipji gwida ewlenin tiegħi matul is-servizz tiegħi bħala Membru tal-Kulleġġ.

Matul il-mandat preċedenti tiegħi bħala Viċi President għar-Relazzjonijiet Interistituzzjonali u l-Amministrazzjoni (2009-2014), jiena innegozajt il-Ftehim Qafas mal-Parlament Ewropew għan-nom tal-Kummissjoni.

Bħala parti mill-mandat attwali, ħdimt mill-qrib mal-Membri fit-tnejn tal-Programm ta' Ħidma annwali tal-Kummissjoni kif ukoll tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-prijoritajiet leġislattivi, f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. Barra minn hekk, immonitorajt is-segwitu fir-rigward tar-riżoluzzjonijiet tal-Parlament u żgurajt li l-Kummissjoni wettqet l-impenn tagħha skont l-Artikolu 225 tat-TFUE.

Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju għall-mandat li jmiss, se nfittex li nibni fuq din l-esperjenza biex insaħħaħ aktar il-koperazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew u b'hekk ngħinu biex intejbu l-leġittimità demokratika fl-Ewropa.

Il-Parlament Ewropew huwa ċentrali għall-viżjoni tal-President elett Ursula von der Leyen li tagħti riżultati liċ-ċittadini tal-UE, kif deskritt fil-linji gwida politiċi tagħha u kif rifless fl-ittra ta' missjoni tiegħi. Dan jinkludi l-ħidma biex jiġi rivedut malajr il-Ftehim Qafas tagħna, kif ukoll biex titmexxa 'l quddiem il-kooperazzjoni tagħna dwar l-Artikolu 225, billi l-Kummissarji jintalbu jieħdu sehem fi djalogi strutturati mal-komitati Parlamentari dwar dawn ir-riżoluzzjonijiet, u b'hekk il-Parlament jingħata rwol aktar b'saħħtu fit-tnedija u fit-tfassil tal-leġiżlazzjoni.

Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se nsaħħaħ aktar l-implimentazzjoni tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri. Se naqşam u nappoġġa l-isforzi biex nistinka għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-ħidma tagħna ta' kuljum, inkluż billi napplika dan il-prinċipju għat-tim tiegħi, u se nkompli nibni fuq il-politika tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri li mexxejt taħt il-mandat preċedenti tiegħi bħala Viċi President għar-Relazzjonijiet Interistituzzjonali u l-Amministrazzjoni (2009-2014).

Nibqa' ugwalment impenjat favur l-integrazzjoni taż-żgħażaġh, filwaqt li nibni fuq ir-rekord preċedenti tiegħi. Bħala eżempju, il-Programmi ta' Ħidma tal-Kummissjoni taħt il-mandat tiegħi wieġbu għar-rakkomandazzjonijiet tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, eżerċizzju uniku b'enfażi qawwija fuq iż-żgħażaġh. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se nżomm dan l-impenn, inkluż billi norganizza Djalogi annwali dwar il-Politika taż-Żgħażaġħ, bl-ewwel wieħed li jseħħ fl-ewwel mitt jum tal-mandat li jmiss tal-Kummissjoni.

Fl-aħħar nett, jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, nimpinja ruħi li nikkonforma mingħajr falliment, mal-obbligj tat-Trattat dwar l-indipendenza, it-trasparenza, l-imparzjalità, u d-disponibbiltà.

Matul il-mandat preċedenti u dak attwali tiegħi bħala Membru tal-Kulleġġ, issodisfajt l-obbligi kollha lejn l-istituzzjoni, inkluż billi ppreżentajt u aġġornajt id-dikjarazzjonijiet kollha tal-interessi kif meħtieġ. Jiena rrispettajt bis-sħiħ kemm il-kelma kif ukoll l-ispirtu tat-Trattati tal-UE u l-obbligu li naġixxi fl-interess Ewropew.

Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, jien se nibqa' nirrispetta għalkollox il-kontenut u l-ispirtu tat-Trattat. B'mod partikolari, se nirrispetta l-obbligu li naġixxi fl-interess Ewropew u mingħajr ma naċċetta struzzjonijiet minn xi gvern jew minn xi korp ieħor. Jien se nonora l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Membri tal-Kummissjoni Ewropea u d-dispożizzjonijiet tagħha dwar il-kunflitti ta' interess. Id-Dikjarazzjoni tal-Interessi tiegħi mlejt u hija aċċessibbli għall-pubbliku, u jekk ikun hemm bżonn li nibdel xi ħaġa, naġġornaha f'qasir żmien.

2. Ġestjoni tal-portafoll u kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew

Tista' timpenja ruħek li tinforma kif xieraq lill-Parlament bl-azzjonijiet tiegħek u b'dawk tas-servizzi tiegħek? F'liema rigward tqis li għandek obbligu ta' rendikont fil-konfront tal-Parlament?

Liema impenji speċifiċi lest li tiegħu fir-rigward tal-involvement u tal-preżenza tiegħek fil-Parlament, kemm f'livell ta' kumitat kif ukoll fil-plenarja, it-trasparenza, il-kooperazzjoni u s-segwitu effettiv mogħti lill-pożizzjonijiet tal-Parlament u lit-talbiet tiegħu għal inizjattivi leġislattivi? B'rabta mal-inizjattivi pjanati jew il-proċeduri attwali, lest tippovdi l-informazzjoni u d-dokumenti f'waqthom lill-Parlament l-istess bħalma tagħmel mal-Kunsill?

L-involvement mal-Parlament Ewropew huwa ta' importanza kbira għalija, kif muri matul il-kors tas-servizz tiegħi fil-Kummissjoni Ewropea.

Jiena nagħti importanza qawwija lill-prinċipju tal-kolleġġjalità u, jekk ikkonfermat bħala Membru tal-Kulleġġ, se nikkollabora bis-sħiħ mal-Membri l-oħra tal-Kulleġġ f'dan ir-rigward.

B'mod partikolari se nistinka biex naċċerta li aħna nibnu politiki robusti abbażi ta' kunsens wiesa' fost il-forzi pro-Ewropej, bis-saħħa tas-sħubija strateġika tagħna mal-Parlament Ewropew. Nemmen li l-għaqda hija l-aktar assi b'saħħtu tagħna.

Kooperazzjoni interistituzzjonali ġenwina u effettiva hija essenzjali sabiex is-sistema istituzzjonali tal-UE taħdem, kif ukoll għal-leġittimità tas-sistema tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE. Din tiddependi fuq ċerti prinċipji gwida riflessi fil-Linji Gwida Politiċi u fl-ittri ta' missjoni tal-President elett Ursula von der Leyen, bħall-frankezza, il-fiduċja reċiproka u l-iskambju regolari ta' informazzjoni, li jien impenjat bis-sħiħ li nsegwi.

Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se nkompli naħdem b'mod vigoruż fuq it-tisħiħ tal-koperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew, b'mod partikolari permezz tar-reviżjoni tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament u l-Kummissjoni, biex ngħinu fit-tisħiħ tar-responsabbiltà politika konġunta tagħna u d-djalogu tagħna kif ukoll biex inżidu l-fluss tal-informazzjoni u t-trasparenza.

Bħala regola, se nappoġġa lill-President elett Ursula von der Leyen fl-oġġettiv tagħha li ssaħħaħ id-djalogu tagħna mal-Parlament Ewropew. Għalhekk, se nmexxi l-isforzi biex niżgura li l-Kummissarji jkunu preżenti b'mod sistematiku fil-komitati rispettivi tagħhom u fil-plenarja.

Nemmen li jeħtieġ li naħdmu id f'id mal-Parlament Ewropew f'kull stadju tal-proċess tat-tfassil tal-politika. F'dan il-kuntest, jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se niżgura li l-komitati parlamentari jkunu involuti f'kull żvilupp importanti taħt ir-responsabbiltà tiegħi.

Rwol aktar b'saħħtu tal-Parlament Ewropew fit-tnedija u t-tfassil tal-leġiżlazzjoni:

F'konformità mal-wegħda kontinwa tal-President elett tal-Kummissjoni li l-Parlament jingħata rwol aktar b'saħħtu fit-tnedija u fit-tfassil tal-leġiżlazzjoni, se nżomm – jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju – l-impenn tagħna li nirrispondu għar-riżoluzzjonijiet tal-Parlament skont l-Artikolu 225 tat-TFUE bi proposti leġiżlattivi b'rispett sħiħ tal-prinċipji tal-proporzjonalità, tas-sussidjarjetà u tat-tfassil aħjar tal-liġijiet. Se ngħin niżgura li l-Kummissarji jieħdu sehem fi djalogi strutturati mal-Komitati parlamentari dwar dawn ir-riżoluzzjonijiet. Għamilna progress tajjeb f'dan l-impenn taħt il-mandat attwali tal-Kummissjoni, u pprovdejna bażi solida biex nibnu fuqha.

Il-politiki dwar il-kummerċ u d-dwana:

Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, beħsiebni nħares l-impenni kollha relatati mal-politika kummerċjali u doganali stipulati fit-Trattat. Beħsiebni wkoll ninvolvi ruħi regolarment mal-Komitati rilevanti tal-Parlament, inkluż permezz ta' aġġornamenti ddedikati lill-membri tiegħu.

Dwar is-sigurtà ekonomika, se niżgura t-trasparenza u l-involviment regolari mal-Parlament dwar l-iżviluppi rilevanti rigward it-tliet pilastru tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika. Se nappoġġa aktar il-ħidma tal-Parlament fuq bażi ugwali ma' dik tal-Kunsill fir-rigward tat-teħid tad-deċiżjonijiet meta ż-żewġ istituzzjonijiet ikunu koleġiżlaturi dwar il-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà ekonomika.

Nistenna wkoll bil-ħerqa li naħdem flimkien mal-Komitati rilevanti kollha dwar id-dimensjoni esterna tal-leġiżlazzjoni interna tal-UE f'diversi oqsma ta' politika bil-ħsieb li jiġi ġġestit kwalunkwe impatt restrittiv possibbli fuq il-kummerċ.

Il-Kummissjoni se tkompli tipprovdi lill-Parlament bl-istess dokumenti ta' politika kummerċjali li tipprovdi lill-Kunsill, filwaqt li tirrispetta r-regoli speċifiċi dwar it-trattament ta' informazzjoni sensitiva biex tiżgura l-protezzjoni tagħha u ttiprevjeni l-iżvelar mhux awtorizzat.

Trasparenza:

Minħabba l-isfidi ekonomiċi, ambjentali u ġeopolitiċi attwali, nara l-ħtieġa li jinħoloq kunsens wiesa' kemm jista' jkun dwar il-politika kummerċjali tal-UE.

Jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, se niżgura li t-trasparenza u l-evalwazzjoni jibqgħu pedament tal-politika kummerċjali tal-UE sabiex tinżamm il-leġittimità u l-fiduċja pubblika.

Il-Linji Gwida Politiċi tal-President elett Ursula von der Leyen jenfasizzaw trasparenza akbar bħala wieħed mill-oġettivi ewlenin ta' Ftehim Qafas rivedut bejn l-istituzzjonijiet tagħna. Se naħdem mill-qrib mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill għal aktar trasparenza tul il-proċess leġiżlattiv kollu. Għalhekk, ir-rieżami tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar ir-Reġistru tat-Trasparenza tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, mistenni sa Lulju 2025, huwa ta' importanza kbira. Nemmen li dan jista' jikkontribwixxi biex tingħata spinta lill-fiduċja fl-istituzzjonijiet tal-UE.

Forniment tal-informazzjoni u tad-dokumenti:

Kompletament konxju li l-provvediment tal-informazzjoni u d-dokumenti huwa aspekk essenzjali biex tissaħħaħ is-sħubija bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni. Għalhekk nimpenja ruħi li nimplimenta għalkollox id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim Qafas bejn iż-żewġ istituzzjonijiet, u tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

3. L-istrateġija tal-Unjoni għall-kummerċ, l-investment u l-kompetittività għall-ħames snin li ġejjin

Aġenda kummerċjali u ta' investment b'saħħitha hija indispensabbli sabiex tistimola t-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp sostenibbli, toħloq l-impjiegi u żid l-attraenza u l-kompetittività tas-suq uniku tagħna. Jekk jogħġbok elabora dwar l-istrateġija għall-kummerċ u l-investment tiegħek:

➤ *Fuq livelli plurilaterali u multilaterali, kif se tibni koalizzjoni għall-modernizzazzjoni tad-WTO, li tegħleb l-isfidi għall-funzjoni tat-tfassil tar-regoli tagħha u tiżgura li jkollna sistema għas-soluzzjoni tat-tilwim li tiffunzjona bis-sħiħ? Kif qed tippjana li l-Unjoni tmexxi t-tnejjiet sabiex l-14-il Konferenza Ministerjali tkun ta' suċċess? Se tibda u tavvanza n-negozjati għal ftehimiet multilaterali u, jekk meħtieġ, plurilaterali dwar lakuni fil-ġabra tar-regoli tad-WTO, inkluż l-intervent mill-Istat b'appoġġ għas-setturi industrijali, l-istabbiliment ta' qorti multilaterali tal-investment u l-implimentazzjoni ta' ftehimiet li diġà ntlaħqu?*

➤ *Fuq livell bilaterali, liema negozjati kummerċjali bilaterali se tipprijoritizza u liema skedi ta' żmien se timxi magħhom? Kif se tiżgura kundizzjonijiet ekwi ma' pajjiżi mhux tal-UE u tindirizza l-prattiki kummerċjali inġusti taċ-Ċina? Kif se tindirizza l-ostakli kummerċjali mal-Istati Uniti, u tissalvagwardja u ssaħħaħ il-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija biex tippromwovi t-tmexxija transatlantika fil-kummerċ u t-teknoloġiji ewlenin?*

➤ *Kif se tiżgura li l-politika kummerċjali komuni tibqa' effettivament qasam ta' kompetenza esklużiva għall-Unjoni? Se tindirizza b'mod deċiżiv kwalunkwe forma ta' ċirkonvenzjoni jew Prattiki unilaterali mill-Istati Membri u kif se tagħmel dan? Kif se tiżgura li r-ratifika tal-ftehimiet kummerċjali u ta' investment li fihom biss dispożizzjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-UE tiġi ddeterminata biss fil-livell tal-UE? Se timpenja ruħek li tiżgura li ma tintalab l-ebda applikazzjoni proviżorja tal-ftehimiet kummerċjali u ta' investment, inklużi l-kapitoli dwar il-kummerċ ta' ftehimiet usa', qabel ma l-Parlament ikun ta l-approvazzjoni tiegħu għal dawk il-ftehimiet? Se tippromwovi l-ftehimiet settorjali bħala għażla meta l-ftehimiet komprensivi ma jkunux fattibbli? Kif se tippromwovi l-kummerċ diġitali għall-benefiċċju tal-kumpaniji u tal-konsumaturi?*

➤ *Kif se tiżgura li l-politika kummerċjali komuni tippromwovi l-valuri fundamentali, il-konvenzjonijiet internazzjonali, u l-istandards globali dwar il-klima, l-ambjent u x-xogħol u li tiddefendi l-interessi tal-konsumaturi u tal-ħaddiema, inkluż fir-rigward tal-kummerċ diġitali? Kif se timplimenta l-approċċ il-ġdid dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli fi ftehimiet eżistenti u futuri, b'mod partikolari fir-rigward tal-SDGs, il-Ftehim ta' Pariġi, il-Konvenzjonijiet tal-ILO u l-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal?*

Il-kummerċ u l-investment huma vitali għall-UE. L-UE hija l-akbar blokk kummerċjali fid-dinja li jammonta għal 16 % tal-kummerċ globali, kif ukoll huwa l-akbar investitur barrani fid-dinja. Ir-rabtiet kummerċjali tagħna jippermettu ekonomiji ta' skala, jikkontribwixxu għall-produttività u l-innovazzjoni tal-UE u jsaħħu r-reżiljenza tagħna — li kollha huma essenzjali f'ambjent globali kkaratterizzat minn kompetizzjoni ġeopolitika u ġeoekonomika. Aktar minn 30 miljun impjeg fl-UE huma appoġġati minn esportazzjonijiet bi kważi 10 miljun riżultat ta' investimenti barranin fis-Suq Uniku. Biex jintlaħqu l-oġettivi tal-kompetittività, is-sigurtà u s-sostenibbiltà tal-mandat il-ġdid, jeħtieġ li l-UE tkompli ssaħħaħ il-politiki kummerċjali u ta' investment tagħha.

Jekk niġi kkonfermat bħala l-Kummissarju għall-Kummerċ u għas-Sigurtà Ekonomika, se nsegwi dawn l-oġettivi permezz ta' azzjonijiet f'numru ta' oqsma. L-ewwel nett, il-ftuħ tas-swieq u t-tneħħija tal-ostakli għall-kummerċ, b'mod li jiġi pprovdut l-ispazju li n-negozji tagħna jeħtieġu biex jadattaw u jirnexxu, inkluż billi jiġu difiżi mill-prattiki kummerċjali inġusti ta' oħrajn filwaqt li jiżguraw kundizzjonijiet ekwi globali. It-tieni nett, it-tisħiħ tar-reżiljenza tas-Suq Uniku billi jiġu żgurati, jitneħħew ir-riskji u jiġu diversifikati s-sorsi tal-provvista ta' materja prima kritika u inputs ewlenin oħra għall-kompetittività tal-UE. It-tielet nett, naħdmu mas-sħab tagħna biex

niżguraw it-tranżizzjonijiet rispettivi tagħna lejn ekonomiji aktar ekoloġiċi u aktar sostenibbli. Ir-raba' nett, it-tiftix u ż-żamma tal-istabbiltà fis-sistema kummerċjali bbażata fuq ir-regoli.

Se nkompli nmexxi l-isforzi lejn ir-riforma u t-tisħiħ tal-**Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO)**. L-14-il Konferenza ministerjali tad-WTO se tkun stadju importanti f'dan il-proċess. L-UE se tkompli tmexxi t-tnejn ewlenin għal riżultati sostantivi – b'mod partikolari fin-negozjati dwar is-sussidji tas-sajd, iżda wkoll dwar kwistjonijiet ta' żvilupp, agrikoltura u sigurtà tal-ikel, kif ukoll se tftitex triq 'il quddiem dwar il-moratorju fuq il-kummerċ elettroniku. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, waħda mill-prijoritajiet ewlenin tiegħi se tkun li naħdem ma' Membri oħra tad-WTO, inklużi l-Istati Uniti, biex jintlaħaq kunsens dwar ir-restawr ta' sistema effettiva għas-soluzzjoni tat-tilwim, li tippreserva elementi li huma essenzjali għaż-żamma tal-kummerċ ibbażat fuq ir-regoli, b'mod partikolari funzjoni imparzjali ta' sħarriġ tal-appell. Filwaqt li dan il-proċess jinsab għaddej, se nkompli nappoġġa u nsaħħaħ l-operat tal-arranġament Proviżorju ta' Arbitraġġ tal-Appell bejn Bosta Partijiet (Multi-Party Interim Appeal Arbitration arrangement, MPIA). Biex id-WTO terġa' tikseb ir-rwol ċentrali tagħha fil-kummerċ internazzjonali, jenħtieġ li taġġorna l-ġabra ta' regoli tagħha u tadatta għar-realtajiet tal-lum. Għaldaqstant, se naħdem ma' firxa wiesgħa ta' membri tad-WTO biex nindirizza sfidi ewlenin, inklużi l-effetti konsegwenzjali negattivi tal-intervent mill-Istat fl-ekonomija, ir-rabta bejn il-kummerċ u l-klima u l-ambjent, l-integrazzjoni ta' ftehimiet plurilaterali – inkluż dwar il-faċilitazzjoni tal-investiment għall-iżvilupp u l-kummerċ elettroniku – fil-qafas tad-WTO kif ukoll it-titjib tal-proċessi tat-teħid tad-deċizzjonijiet.

B'mod parallel, se nkompli naħdem lejn il-finalizzazzjoni tan-negozjati dwar l-istabbiliment tal-Qorti Multilaterali tal-Investiment sal-2027, li qed isiru fil-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi Internazzjonali tal-Kummerċ (UNCITRAL).

Il-kisba tal-oġġettivi strateġiċi tal-UE se tirrikjedi wkoll **aġenda bilaterali ambizzjuża għall-kummerċ u l-investiment**, li ssaħħaħ il-kompetittività u r-reżiljenza tagħna, filwaqt li tipprovd i pjattaforma għal kooperazzjoni aktar mill-qrib dwar l-iżvilupp sostenibbli.

Jekk niġi kkonfermat, se nindirizza l-involvement mas-sħab **b'mod proattiv u flessibbli**, filwaqt li niżgura li l-interessi tal-UE jiġu indirizzati bis-sħiħ. Minn naħa waħda, beħsiebni mmexxi 'l quddiem l-aġenda kontinwa tagħna, b'enfażi fuq ir-reġjun Indo-Paċifiku, l-Amerka Latina u l-Afrika. L-UE diġà qed tinneogzja ftehimiet mal-Indja, l-Indoneżja, it-Tajlandja, il-Filippini u sħab kummerċjali oħra, kif ukoll qed tiffinalizza kwistjonijiet pendenti fil-ftehimiet mal-MERCOSUR u l-Messiku. Se nftitex li nġibhom fuq il-linja aħħarija fil-ħin, bil-kundizzjoni li jiġu ssodisfati l-interessi tagħna u li l-valuri tagħna jiġu rispettati. Min-naħa l-oħra, se nesplora modi ġodda kif niżviluppa u napprofondixxi r-rabtiet mas-sħab, li jirriflettu oqsma speċifiċi ta' interessi komuni inkluż dawk settorjali. Tali forom alternattivi ta' involviment – li jinkludu Ftehimiet ta' Faċilitazzjoni tal-Investiment Sostenibbli, Ftehimiet ta' Kummerċ Diġitali, Ftehimiet ta' Rikonossiment Reċiproku u s-Sħubijiet il-ġodda ta' Kummerċ u ta' Investiment Nadif – għandhom jippermettu lill-UE tavvanza aktar malajr dwar kwistjonijiet immirati, filwaqt li jipprovdu kemm benefiċċji konkreti għall-UE kif ukoll offerta attraenti lis-sħab tagħna.

Ir-relazzjonijiet bilaterali tal-UE **mal-Istati Uniti u ċ-Ċina**, bid-dinamika tal-kompetizzjoni strateġika tagħhom, se jkimplu jaffettwaw il-politika kummerċjali tagħna.

L-Istati Uniti jibqgħu s-sieħeb kummerċjali ewleni tagħna u beħsiebni niżviluppa aktar ir-relazzjoni bilaterali tagħna permezz tad-djalogu kif ukoll permezz ta' difiża assertiva tal-interessi tagħna. Triq waħda se tkun permezz ta' Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija (TTC) imġedded bejn l-UE u l-Istati Uniti, li jadatta l-istruttura tiegħu għall-ħtiġijiet u l-prijoritajiet li qed jevolvu. B'mod parallel, beħsiebni naħdem għal soluzzjonijiet amikevoli għal kwistjonijiet bilaterali, inkluż billi nsib soluzzjonijiet dejjiema għat-tilwima dwar l-inġenji tal-ajru ċivili kbar u t-tariffi tal-Istati Uniti fuq l-azzar u l-aluminju, u billi nindirizza miżuri li jaffettwaw ir-relazzjoni kummerċjali tagħna, bħall-Att dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni u r-rekwiżiti biex jinxtraw prodotti Amerikani' ("buy America(n))".

Fir-rigward taċ-**Ċina**, se naħdem għal relazzjoni kummerċjali aktar ibbilanċjata u reċiproka, inkluż l-indirizzar ta' tħassib sinifikanti dwar kundizzjonijiet ekwi marbuta mal-esternalitajiet negattivi tal-mudell ekonomiku u l-politika industrijali mmexxija mill-istat taċ-Ċina, kif ukoll il-kapaċitajiet żejda li qed ifixklu s-swieq globali u l-ktajjen tal-provvista. L-indirizzar ta' dawn l-isfidi se jirrikjedi djalogu kontinwu kif ukoll l-użu strateġiku tas-sett ta' għodod aġġornat tagħna ta' strumenti awtonomi kull meta jkun meħtieġ.

Jekk niffaċċja politiki u azzjonijiet ta' sfida, se nieħu l-azzjoni kollha meħtieġa biex niddefendi l-interessi tal-UE f'dawn ir-relazzjonijiet bilaterali.

Filwaqt li t-tħassib ġeopolitiku u ġeoekonomiku qed jiżdied, nemmen bis-shiġh fl-importanza li jiġi appoġġat **l-iżvilupp sostenibbli** permezz tal-politika kummerċjali, billi tissaħħaħ il-konformità mal-**istandards klimatiċi, ambjentali u tax-xogħol globali**. Jekk niġi kkonfermat, se naħdem biex niżgura li l-politika tal-UE dwar kwistjonijiet ta' sostenibbiltà tkompli tkun ibbażata fuq approċċi maqbuli internazzjonalment. Se nkompli nsaħħaħ l-insegwiment tal-oġġettivi tal-iżvilupp sostenibbli, inkluż fir-rigward tal-SDGs, il-Ftehim ta' Pariġi, il-Konvenzjonijiet tal-ILO u l-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal. Se nagħmel dan fid-WTO, kif ukoll bilateralmnt, pereżempju permezz tal-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli (trade and sustainable development, TSD) tal-ftehimiet kummerċjali taġġna. Il-ftehimiet bilaterali taġġna jipprovdu pjattaforma tant meħtieġa biex jiġu approfonditi d-djalogu, il-fehim u l-kooperazzjoni, filwaqt li jipprevedu wkoll il-possibbiltà ta' proċeduri msaħħa għas-soluzzjoni tat-tilwim.

Id-difiża tal-interessi tal-**konsumaturi** u tal-**ħaddiema** trid tkompli tkun element ċentrali tal-politika kummerċjali tal-UE, u dan jestendi għall-**kummerċ diġitali**. Jekk niġi kkonfermat, se nsegwi aktar negozjati mas-sħab kummerċjali dwar regoli vinkolanti rigward il-kummerċ diġitali u l-flussi tad-*data* li jipproġettaw il-mudell tal-UE ċċentrat fuq il-bniedem u bbażat fuq il-valuri globalment.

L-għaqda tal-UE se tibqa' kruċjali għall-pożizzjoni ekonomika u ġeopolitika taġġna. Għaldaqstant, beħsiebni nagħmel użu shiġh mill-għodod disponibbli biex tiġi infurzata l-kompetenza esklużiva tal-Unjoni inkluż permezz ta' djalogu informali u, jekk meħtieġ, proċeduri ta' ksur formali.

Fl-istess ħin, il-kompetenza esklużiva u l-unità tal-UE jeħtieġ li jiġu riflessi fil-kapaċità taġġna li nrratifikaw il-ftehimiet kummerċjali taġġna – il-kredibbiltà taġġna tiddependi minn dan. Bħala kwistjoni ta' prinċipju, se nftitex li nibni fehim komuni mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill biex nikkonkludi kemm jista' jkun ftehimiet kummerċjali u ta' investiment fil-livell tal-UE. Dan jiżgura dħul fis-seħħ rapidu ta' dawk il-ftehimiet, b'mod li jipprovdi benefiċċji tanġibbli għaċ-ċittadini, l-SMEs u n-negozji tal-UE b'mod aktar wiesa'. Naturalment, dan ikun soġġett għall-iskrutinju meħtieġ mill-Istati Membri u l-Parlament Ewropew fil-livell tal-UE. Jekk madankollu ċerti ftehimiet jiġu konklużi bħala mħallta, se nonora u nżomm – jekk niġi kkonfermat – l-impenn li nftitex il-kunsens tal-Parlament Ewropew qabel l-applikazzjoni proviżorja.

4. Sigurtà ekonomika

Is-sigurtà ekonomika għandha l-għan li timminimizza r-riskji filwaqt li tippreserva l-oġġla livell possibbli ta' fuħ ekonomiku u kompetittività u qatt ma għandha tintuża bħala strument li jirrestrinġi l-kummerċ bla bżonn. F'dan ir-rigward:

- *Kif se tiżgura li s-sigurtà ekonomika, il-kummerċ u l-investiment ikunu kollha parti minn approċċ integrat? X'passi se tieħu fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-aġenda tas-sigurtà ekonomika? Kif tara r-rwol tal-kummerċ fi ħdan il-kunċett ta' "politika ekonomika barranija ġdida" u kif se tiżgura li l-kummerċ jintuża bħala għodda ġeostrateġika?*
- *Kif beħsiebek tuża s-sett ta' għodod tal-miżuri għad-difiża tal-kummerċ adottati matul id-disa' leġislatura u dawk preċedenti bħala parti minn duttrina ġdida dwar is-sigurtà ekonomika? Tosserva xi lakuni fis-sett ta' għodod eżistenti? X'se jkunu l-passi li jmiss tiegħek fir-rigward tal-kontroll tal-esportazzjoni u l-investimenti 'l barra?*
- *Kif se ssaħħaħ il-pilastru tas-sħubija tal-istrateġija tas-sigurtà ekonomika? Minn xiex se jikkonsistu s-Sħubijiet għal Kummerċ u Investimenti Nodfa? Kif se tiżgura l-konsistenza u s-sinerġiji mal-Global Gateway? Il-Parlament se jkun f'pożizzjoni li jagħti l-approvazzjoni tiegħu wara l-konklużjoni ta' ftehimiet bħal dawn? Kif se tippromwovi l-aċċess għal materja prima kritika minn pajjiżi mhux tal-UE b'mod ta' benefiċċju reċiproku u kif se tiżgura aktar skrutinju għall-Parlament?*
- *Kif se tappoġġja u tikkoopera ma' Kummissarji oħra dwar l-irkupru ekonomiku tal-Ukrajna u pajjiżi sħab oħra affettwati mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, b'mod partikolari permezz ta' rieżami ambizzjuż tad-DCFTA bejn l-UE u l-Ukrajna, assistenza makrofinanzjarja, infurzar vigoruż tar-reġim ta' sanzjonijiet kontra r-Russja u l-evitar ta' kwalunkwe forma ta' ċirkonvenzjoni?*

L-ambjent ġeopolitiku u ġeoekonomiku turbolenti tal-lum jirrikjedi li l-UE żżid l-isforzi taġġna u taġġmel użu shiġh mill-politiki u l-għodod interni u esterni għad-dispożizzjoni taġġna. Dan huwa rifless fir-**rwol abilitanti** li għandha l-politika kummerċjali fil-Linji Gwida Politiċi l-ġodda, li jikkontribwixxu għall-kisba ta' diversi oġġettivi tal-UE. Huwa rifless ukoll fl-isfera esterna mill-**politika ekonomika barranija** l-ġdida, li se tlaqqa' flimkien **is-sigurtà ekonomika, il-kummerċ u s-sħubijiet** biex jiġu segwiti l-interessi tal-UE b'mod aktar effettiv. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju għall-Kummerċ u s-Sigurtà Ekonomika, se niżgura li l-politiki dwar il-kummerċ,

L-investiment u s-sigurtà ekonomika jiffurmwaw parti integrali u koerenti tar-rispons komprensiv tal-UE għall-isfidi li qed niffaċċjaw.

Is-sigurtà ekonomika tal-UE għandha l-għerūq tagħha f'Suq Uniku vibranti, miftuħ u reżiljenti. Bħala l-akbar blokk kummerċjali fid-dinja, l-UE hija integrata ħafna fl-ekonomija globali u l-ktajjen tal-valur vasti tagħha, li jippermettulna niksbu l-inputs li neħtieġu fl-istadji kollha tal-produzzjoni u nżiduhom permezz tal-aċċess għas-swieq barranin. Jekk niġi kkonfermat, l-oġettiv tiegħi se jkun li nippreżerva l-ogħla livell possibbli ta' ftuħ ekonomiku u kompetittività, filwaqt li niżgura li jkun hemm fehim sod tal-vulnerabbiltajiet li għandna u tar-riskji li qed niffaċċjaw, u li nużaw il-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa biex nillimitawhom.

L-approċċ tiegħi se jkun ibbażat fuq **valutazzjonijiet tar-riskju** u fuq it-kompliġa tal-użu ta' miżuri fil-**pilastru ta' "promozzjoni", "protezzjoni" u "sħubija"** tal-Istrateġija ta' Sigurtà Ekonomika. F'dan ir-rigward, se naħdem mill-qrib ma' Kummissarji oħra inklużi r-RGħ/VP, il-Viċi President Eżekuttiv għall-Prospertà u l-Istrateġija Industrijali kif ukoll mal-Parlament Ewropew, mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jissaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni, jimbena fehim komuni tal-isfidi li niffaċċjaw u jiġu żviluppanti b'mod konġunt risponsi xierqa. Hekk kif navvanzaw il-valutazzjonijiet tar-riskju li għaddejjin bħalissa, se jkun hemm il-ħtieġa li r-riżultati tagħhom jiġu integrati fil-miżuri ta' mitigazzjoni li nieħdu.

L-ewwel nett, se nagħmel l-aħjar użu mill-politika kummerċjali biex nilħqu l-oġettivi tas-**sħubija** tagħna, filwaqt li nirrifletti r-rwol abilitanti tagħha fil-politika ekonomika barranija l-ġdida, il-kompetittività u l-prospertà tal-UE u bħala għodda ġeostrateġika. Dan ifisser l-appfondiment u t-tiżiħ tan-network attwali tagħna ta' ftehimiet u l-espansjoni tal-offerta tagħna b'tipi ġodda ta' involviment. Is-sħubijiet il-ġodda għal **Kummerċ u Investimenti Nodfa** se jgħinu biex jiġu żgurati provvisti ta' materja prima, enerġija nadifa u teknoloġiji nodfa, filwaqt li jappoġġaw l-iżvilupp tas-sħab tagħna permezz ta' investment imsaħħaħ u jiżguraw li l-prodotti tat-teknoloġija nadifa, l-enerġija nadifa u l-materja prima jkunu jistgħu jiċċirkolaw liberament bejn il-fruntieri. Biex nagħmlu l-offerta tagħna attraenti u kompetittiva kemm jista' jkun, se neħtieġu approċċ tal-Kummissjoni ħolistiku li jiġbor flimkien il-finanzjament (inkluż taħt il-Global Gateway), ir-regoli (sabiex tiġi żgurata stabbiltà akbar għall-investituri u l-ktajjen ta' provvista) u l-kooperazzjoni regolatorja (sabiex nappoġġaw lis-sħab tagħna fl-adattament għar-rekwiżiti regolatorji tagħna). Is-sħubijiet tagħna għal Kummerċ u Investment Nodfa se jsegwu wkoll approċċ flessibbli ġdid kemm f'termini tal-kontenut kif ukoll tal-format tagħhom, filwaqt li jirriflettu l-interessi u l-pożizzjonijiet min-naħa tal-pajjiż terz. Ninsab lest li ninvolvi ruħi mal-Parlament matul dan il-proċess.

Jekk niġi kkonfermat, se nagħti attenzjoni partikolari **lid-diversifikazzjoni, it-tnaqqis tar-riskji u l-potenzjal ta' reżiljenza** tal-ftehimiet kummerċjali tagħna u forum oħra ta' involviment mas-sħab. Dan se jinkludi l-iżvilupp ta' **standards tas-sigurtà ekonomika għal ktajjen tal-provvista ewlenin** mal-G7 u sħab oħra tal-istess fehma, li jistgħu, fost l-oħrajn, jappoġġaw l-iżvilupp ta' provvisti stabbli ta' materja prima kritika (critical raw materials, CRMs). Dan se jinkludi wkoll l-**appfondiment tad-djalogi** mas-sħab biex nifhmu aħjar ir-riskji li niffaċċjaw u niskambjaw prattiki tajbin dwar miżuri ta' mitigazzjoni potenzjali. Filwaqt li nibni fuq in-network tal-Ftehimiet ta' Kummerċ Diġitali, se nesplora l-possibbiltajiet li niżviluppa rabtiet aktar b'saħħithom u ta' benefiċċju mal-eqreb sħab tagħna u li jaħsbuha bl-istess mod, biex noħloq spazju bbażat fuq ir-regoli għall-Fluss Liberu tad-*Data* b'Fiduċja u biex ngħin lill-kumpaniji tagħna jiddiversifikaw l-aċċess tagħhom għad-*data*.

It-tieni nett, se niżgura l-użu assertiv tal-għodod li għandna biex niproteġu l-interessi tas-sigurtà ekonomika tal-UE b'mod immirat u proporzjonat. Filwaqt li l-UE għandha firxa wiesgħa ta' għodod għad-dispożizzjoni tagħha, li wħud minnhom għadhom biss kif qed jibdew jintużaw, l-isfida għall-mandat li jmiss se tkun li jiġi żgurat l-użu koerenti u koordinat tagħhom sabiex jintlaħqu bl-aħjar mod l-oġettivi tal-UE fir-rigward tas-sħab kummerċjali tagħna. Dan se jiffurma parti ċentrali minn **dutrina ġdida tas-sigurtà ekonomika**, li se tkun ibbażata fuq fehim komuni mal-Parlament Ewropew u mal-Istati Membri u se sservi biex issaħħaħ id-deterrenza u b'hekk tiddefendi n-negozji tal-UE li qed jiġu affettwati dejjem aktar mill-miżuri meħuda minn pajjiżi terzi.

It-tielet nett, qed nippjana li nkompli bl-isforzi li għaddejjin biex **insaħħaħ is-sett ta' għodod tal-UE**. Nistenna bil-ħerqa li naħdem mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill biex jintlaħaq ftehim rapidu biex jiġi aġġornat ir-**Regolament dwar l-Iskrinjar tal-Investment Dirett Barrani**. Se nappfondixxi wkoll id-diskussjonijiet mal-Parlament u mal-Istati Membri biex insaħħaħ l-approċċ tagħna għall-**kontrolli tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju**. Barra minn hekk, fl-2025 beħsiebni neżamina l-effettività tal-qafas regolatorju eżistenti tal-kontrolli tal-esportazzjoni f'konformità mal-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar u l-passi proċedurali meħtieġa. Fir-rigward tal-**investimenti 'l barra**, se nfitex, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u n-negozji, fehim aktar profond u aħjar tar-riskji li niffaċċjaw, billi neżamina u nivvaluta b'mod sistematiku t-tranżazzjonijiet li jseħħu f'ċerti setturi magħżula. Fuq din il-bażi, se nqis aktar risponsi ta' politika fi djalogu mal-Parlament Ewropew u mal-Istati Membri.

Fl-aħħar nett, fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, nibqa' impenjat bis-sħiħ li nappoġġa l-iżvilupp tar-**relazzjoni bilaterali tagħna mal-Ukrajna** u għall-użu kontinwu u effettiv tas-**sanzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi kontra r-Russja**, inkluż billi tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet, f'kooperazzjoni ma' membri oħra tal-Kulleġġ u l-Mibgħut tas-Sanzjonijiet tal-UE.

Se nkompli naħdem ukoll biex **nappoġġa lill-Ukrajna** inkluż billi nisfrutta ż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (Deep and Comprehensive Free Trade Area, DCFTA) u l-assistenza finanzjarja tal-UE biex titrawwem l-integrazzjoni gradwali tal-Ukrajna fis-suq intern qabel l-adeżjoni. Se nibdel ukoll – f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissarju inkarigat mill-Agricoltura – il-Miżuri Kummerċjali Awtonomi temporanji tagħna mal-iskadenza tagħhom f'Ġunju 2025 b'liberalizzazzjoni kummerċjali ulterjuri permanenti u reċiproka, kif previst taħt id-DCFTA. L-oġġettiv tiegħu se jkun li nżommu fuq bażi permanenti aċċess sinifikanti għas-suq għall-prodotti Ukreni marbut mal-konformità gradwali mal-istandards rilevanti tal-UE u li ntejbu l-aċċess għas-suq Ukren għall-prodotti agricoli Ewropej, filwaqt li nipprovdru għas-sensittivitàt tas-settur agrikolu tal-UE.

Fil-kuntest tal-politika ta' **sanzjonijiet** ġenerali tal-UE, se nkompli niżgura t-fassil effettiv tas-sanzjonijiet kummerċjali li jinkludu restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni li jkopru oġġetti b'użu doppju, entitajiet fir-Russja u f'pajjiżi terzi, oġġetti industrijali u l-forniment ta' servizzi kummerċjali. Se nikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet u l-prevenzjoni taċ-ċirkomvenzjoni billi ninvolvi ruħi mal-industrija tal-UE, niltaqa' ma' pajjiżi terzi u nipproponi aktar miżuri regolatorji. Dan se jinkludi l-ħidma mal-awtoritajiet doganali, li għandhom rwol kruċjali fil-kxiif u l-kontroll tal-kummerċ fil-merkanzija (ikkodifikat fis-sistema ta' Ġestjoni tat-Tariffi Doganali (TARIC)) u fl-identifikazzjoni ta' riskji potenzjali ta' ċirkomvenzjoni. Se naħdem biex niżgura li l-awtoritajiet doganali jkomplu u jsaħħu r-rwoli analitiċi u ta' infurzar tagħhom.

5. Implimentazzjoni, infurzar u komunikazzjoni

Politika tajba li ma tiġix implimentata, infurzata u kkomunikata b'mod tajjeb tista' twassal għal spinta, kemm internament kif ukoll esternament, kontra l-Unjoni u l-politika kummerċjali tagħha. Biex jiġi żgurat is-suċċess tal-politika kummerċjali komuni:

➤ *Kif se tiżgura li l-politiki tas-sigurtà kummerċjali u ekonomika jkunu fuq quddiem nett u ċentrali fir-rwol tiegħek bħala Kummissarju, anke minħabba l-portafoll doppju tiegħek? Kif se tkisser il-mod kompartmentalizzat li bih joperaw il-politika kummerċjali komuni u politiki interni u esterni oħra tal-Unjoni, kif ukoll id-DĠ Kummerċ u partijiet oħra tal-Kummissjoni u s-SEAE?*

➤ *Kif se trawwem il-kooperazzjoni, is-sjieda u l-adozzjoni minn kumpaniji u pajjiżi mhux tal-UE b'mod partikolari fir-rigward tal-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (CBAM), ir-Regolament tal-UE dwar id-Deforestazzjoni (EUDR), id-Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva (CSDDD), ir-Regolament dwar ix-Xogħol Furzat, is-Sistema għan-Negożjar tal-Emissjonijiet (ETS) riveduta kif ukoll ir-regolament dwar l-imbagg u l-iskart mill-imbagg? Kif se tgħin biex jiġi żgurat li dawn l-istrumenti l-ġodda kollha jiġu applikati bis-sħiħ u b'mod konsistenti u li l-aspetti kummerċjali tal-leġiżlazzjoni interna tagħna jitqiesu biżżejjed meta jitfasslu, jiġu implimentati u riveduti l-istrumenti? X'miżuri se tiegħu biex tagħmel is-sistema doganali tal-Unjoni aktar effiċjenti, u b'hekk tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni effettiva ta' wħud mill-istrumenti reċenti tal-Unjoni relatati mal-kummerċ? Kif se tkompli tiżgura li kwalunkwe miżura futura tal-Unjoni tkun kompatibbli mar-regoli tad-WTO?*

➤ *X'azzjonijiet konkreti se tiegħu biex tiżgura li l-politika kummerċjali tal-UE tiġi kkomunikata u spjegata aħjar lill-partijiet ikkonċernati, lill-pubbliku ġenerali, lill-istituzzjonijiet tal-Istati Membri u lill-pajjiżi mhux tal-UE, inkluż bl-appoġġ tar-rappreżentanti tal-Kummissjoni u tad-delegazzjonijiet tal-UE madwar id-dinja?*

➤ *Kif se ssaħħaħ il-parteciġazzjoni tal-SMEs fis-suq globali? Kif qed tippjana li tappoġġja lill-kumpaniji, speċjalment lill-SMEs, fl-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni li għadha kif ġiet adottata bl-oġġettiv li jittaffa l-piż regolatorju, jiġu ssimplifikati l-proċeduri u jiġi żgurat li jaħsdu l-benefiċċji ta' aċċess akbar għas-suq fil-ftehimiet kummerċjali? Se tiżgura li l-inizjattivi ewlenin kollha relatati mal-kummerċ ikunu akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt li tkopri wkoll l-impatt estern ta' miżuri potenzjali tal-Unjoni?*

➤ *Kif beħsiebek tinvolvi ruħek u tqis il-fehmiet tar-rappreżentanti tan-negożju, tat-trade unions u tal-NGOs, inkluż permezz ta' Gruppi Konsultattivi Domestiċi li ġew stabbiliti biex jagħtu pariri dwar l-implimentazzjoni tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE?*

Ninsab konvint li d-diversi elementi tal-portafoll tiegħi jsaħħu lil xulxin u se jgħinuni nwettaq il-prijoritajiet kollha bl-aktar mod effettiv.

Il-kummerċ huwa fil-qofol tal-ekonomija tal-UE u **jippermetti** l-kisba tal-objettivi tagħna tal-kompetittività, is-sigurtà u s-sostenibbiltà. Is-sinerġiji maħluqa billi l-politika kummerċjali tintrabat mas-sigurtà ekonomika kif ukoll mad-dwana, se jsaħħu ħafna l-kapaċità tal-UE li tinnaviga l-isfidi ġeopolitiċi u ġeoekonomiċi tal-lum. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se mmexxi 'l quddiem l-interessi tal-UE, abbażi ta' skambji regolari mal-Parlament Ewropew, l-Istati Membri u s-soċjetà ċivili. Se naħdem mill-qrib ma' Kummissarji oħra bl-għan li nneħħi l-mentalita kompartmentalizzata u nsaħħaħ l-implimentazzjoni, l-infurzar u l-komunikazzjoni effettivi.

L-ewwel nett, se naħdem mill-qrib ma' Membri oħra tal-Kulleġġ biex niżgura **l-użu koerenti u koordinat tal-għodod u l-politiki għad-dispożizzjoni tagħna** biex insegwu l-interess tal-UE. Dan l-objettiv huwa fil-qofol tal-**politika ekonomika barranija** l-ġdida, li se tlaqqa' flimkien is-sigurtà ekonomika, il-kummerċ u s-sħubijiet. Eżitu prattiku wieħed ta' dan l-approċċ se jkun is-Sħubijiet ġodda ta' Kummerċ Nadif u ta' Investment, li għandhom jifasslu biex jegħlbu l-mentalità kompartmentalizzata u jippreżentaw offerta integrata tal-UE lil pajjiżi terzi.

It-tieni nett, jenħteġ li l-UE tittratta b'mod aktar effettiv il-kritika li ffaċċajna mis-sħab tagħna fir-rigward tal-**impatti esterni ta' xi wħud mil-leġislazzjoni tagħna**. L-iżvilupp tal-għodod tagħna jeħtieġ li jikkunsidra l-impatti esterni mill-bidu nett b'miżuri ta' appoġġ xierqa li jiġu kkunsidrati flimkien mal-użu tagħhom. F'dan ir-rigward, se naħdem mill-qrib mar-RGħ/VP u Kummissarji oħra biex niżgura rabta aħjar bejn il-politiki interni u esterni tal-UE (fl-ispirtu tal-*koerenza tal-politiki għall-iżvilupp* kif previst fl-Artikolu 208(1) tat-TFUE), biex inkomplu ntejbu l-influwenza tagħna u nindirizzaw it-tħassib tas-sħab tagħna, inkluż l-appoġġ tagħhom fl-isforzi tagħhom biex jikkonformaw. L-isforzi tagħna jridu jkomplu jiżguraw li l-miżuri li nieħdu jkunu konformi mal-obbligi internazzjonali tagħna, inklużi dawk li jirriżultaw mill-ftehimiet tad-WTO. Jekk dan isir b'mod proattiv, se jipprovi fl-aħħar mill-aħħar bażi għal involviment aktar mill-qrib mas-sħab tagħna dwar kwistjonijiet ta' kummerċ, reżiljenza u sostenibbiltà.

It-tielet nett, is-suċċess tal-politiki kummerċjali u ta' sigurtà ekonomika tagħna se jiddependi fuq **l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi**. Dan kien fil-qofol tal-istrateġija kummerċjali tal-UE tal-2021 – Politika Kummerċjali Miftuħa, Assertiva u Sostenibbli. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, nimpjenja ruħi li nsaħħaħ aktar l-isforzi biex niżgura li n-negozji tal-UE jgawdu l-benefiċċji tal-ftehimiet tagħna u li jkunu mħarsa minn prattiki inġusti li jfittxu li jisfruttaw il-ftuħ tagħna. Se nibni aktar relazzjonijiet mas-sħab kummerċjali tal-UE u nimpjenja ruħi b'mod attiv mal-kontropartijiet tiegħi biex niffaċilita l-implimentazzjoni u nsolvi d-differenzi malajr kemm jista' jkun. Matul dawn l-aħħar snin, żviluppajna wkoll sett ġdid ta' **strumenti ta' politika kummerċjali** li jindirizzaw kwistjonijiet dwar il-kummerċ inġust, is-sigurtà ekonomika, ir-reċiproċità u s-sostenibbiltà. Se nipprioritizza **l-użu robust u koerenti** tagħhom, flimkien mar-rikors għas-soluzzjoni tat-tilwim, li se jibqa' parti ewlenija mill-isforzi ta' implimentazzjoni tal-UE.

Dan se jinkludi li **s-sistema doganali tal-Unjoni**, inkluż l-ambjent diġitali tagħha, issir aktar effiċjenti. Jien impenjat bis-sħiħ għall-finalizzazzjoni tad-diġitalizzazzjoni attwali tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u tat-Tieqa Unika, iżda l-aktar importanti l-konklużjoni f'waqtha tan-negozjati dwar il-**Pakkett ta' Riforma Doganali**. L-istabbiliment tal-**Awtorità Doganali tal-UE** u l-Pjattaforma tad-*Data* Doganali tal-UE se jressaq lill-Unjoni Doganali għal-livell li jmiss. Dan se jsaħħaħ id-dwana u jgħammarha biex tindirizza l-isfidi attwali u futuri. Se jissimplifika l-proċessi doganali u jnaqqas il-piż amministrattiv fi sħubija ġdida mal-kummerċ. Din se tkun rivoluzzjoni tad-*data* għad-dwana, b'mod li tgħin biex jiġi żgurat li l-Ewropa tibqa' ċ-ċentru attraenti tal-kummerċ u tal-loġistika li hija llum. Se nwettaq ukoll evalwazzjoni tar-**regoli tal-oriġini tal-UE** kif ukoll tal-**iskema awtonoma tas-sospensjonijiet u l-kwoti tariffarji**.

It-tisħiħ tal-isforzi ta' implimentazzjoni u infurzar se jkun partikolarment importanti għall-**SMEs** tagħna. Dawn jirrappreżentaw 95 % tal-esportaturi kollha tal-UE, li jammontaw għal madwar terz tal-valur tal-esportazzjoni tal-UE, iżda inqas minn 5 % tal-SMEs tal-UE jesportaw direttament barra mill-UE. Huma jbatu minn nuqqas ta' trasparenza u proċeduri amministrattivi ta' piż f'pajjiżi terzi peress li għandhom inqas riżorsi għall-internazzjonalizzazzjoni meta mqabbla ma' ditti akbar. Beħsiebni nkompli nipprioritizza l-ħtiġijiet tagħhom, inkluż permezz ta' kapitoli ddedikati għall-SMEs fil-ftehimiet kummerċjali, billi niffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni li l-SMEs jeħtieġu biex jinneqgjaw internazzjonalment (il-portal Access2Markets huwa l-għodda ewlenija f'dan ir-rigward) u billi nneħħi l-ostakli għall-kummerċ li l-SMEs jiltaqgħu magħhom f'pajjiżi terzi, inklużi dawk imwassla permezz tal-Punt ta' Kuntatt Waħdieni.

Fl-aħħar nett, is-suċċess tal-politiki tagħna se jiddependi fuq l-involviment mas-soċjetà ċivili u l-komunikazzjoni effettiva, li tagħmel użu min-network ta' rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Istati Membri u d-delegazzjonijiet tal-UE madwar id-dinja. Il-politika kummerċjali għandha rekord stabbilit sew f'termini ta' trasparenza u djalogu ma'

diversi partijiet ikkonfermati. Jekk niġi kkonfermat, se niddedika ħin u sforz biex nappfondixxi l-iskambji, inkluż b'mod partikolari permezz ta' laqgħat annwali tad-Djalogu tas-Soċjetà Ċivili. U l-ewwel wieħed minn dawn jista' jseħħ kmieni kemm jista' jkun fil-mandat il-ġdid. Se nappoġġa ħafna wkoll il-Gruppi Konsultattivi Domestiċi dwar l-implimentazzjoni tal-ftehimiet kummerċjali, f'kooperazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

6. Ftehim qafas u bidliet fit-Trattat skont l-Artikolu 48

Il-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea ilu fis-seħħ għal aktar minn 13-il sena u hemm bżonn li ċerti dispożizzjonijiet jiżiedu jew jiġu aġġustati fid-dawl tal-iżviluppi li seħħew wara l-aħħar reviżjoni.

Tista' tindika liema impenji konkreti lest li tiegħu biex timplimenta bis-sħiħ il-prinċipju ta' trattament ugwali u r-rwol tal-Kummissjoni bħala medjatriċi onesta f'konformità mal-Artikolu 13(2) tat-TUE, b'mod partikolari fir-rigward tat-trilogi, il-proċeduri urġenti, il-baġit u l-aċċess għall-informazzjoni u l-laqgħat tal-esperti? Kif beħsiebek issaħħaħ ir-responsabbiltà politika u l-obbligu ta' rendikont tal-Kummissjoni lejn il-Parlament Ewropew, speċifikament ir-responsabbiltà individwali ta' kull Kummissarju?

Tista' timpenja ruħek li l-użu tal-Artikolu 122 tat-TFUE u r-rikors għall-proċedura urġenti tal-Parlament se jkunu limitati għal dak li huwa strettament meħtieġ u jkunu ġustifikati kif xieraq bi spjegazzjoni dwar ir-raġunijiet għall-għażla tal-bażi ġuridika, l-objettivi u l-elementi ewlenin tal-proposta kif ukoll l-implikazzjonijiet baġitarji potenzjali sabiex il-Parlament ikun jista' jeżerċita skrutinju xieraq? X'passi se jittiegħu biex jitjieb l-aċċess għall-informazzjoni għall-Parlament Ewropew rigward il-laqgħat tal-esperti u d-deċiżjonijiet baġitarji?

Tista' timpenja ruħek li tiżgura li l-Parlament u l-kumitati rilevanti tiegħu jkunu infurmati minnufih u bis-sħiħ, fuq bażi ugwali mal-Kunsill, dwar l-aspetti kollha tal-ftehimiet internazzjonali, fl-istadji kollha, mill-aktar passi preparatorji bikrija sal-implimentazzjoni, speċjalment permezz ta' aċċess sħiħ u bikri għat-testi u d-dokumenti tan-negozjati u li l-pożizzjoni tal-Parlament titqies kif xieraq meta jiġu abbozzati l-mandati ta' negozjar? Barra minn hekk, kull meta l-Kummissjoni tinnegozja ftehim "mhux vinkolanti", inklużi Memoranda ta' Qbil jew "klabbs" ma' pajjiżi terzi, tista' timpenja ruħek li ttiprovdi lill-Parlament b'informazzjoni sħiħa u immedjata u li l-fehmiet tal-Parlament dwarhom jitqiesu kif xieraq?

Barra minn hekk, permezz tar-riżoluzzjonijiet tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2022 u tat-22 ta' Novembru 2023, il-Parlament Ewropew ivvota biex jinvoka l-Artikolu 48 li jippreżenta proposti għal emendi għat-Trattat. X'inhil-pożizzjoni tiegħek dwar il-ħtieġa li jiġi aġġornat il-qafas tat-Trattat ta' Liżbona? Fid-dawl tal-appoġġ espress mill-President tal-Kummissjoni għal emendi mmirati tat-Trattat, sa liema punt lest li timpenja ruħek biex tappoġġja dan u x'taġhmel b'mod prattiku sabiex tippermetti bidla fit-trattat? Fid-dawl tal-appoġġ espress mill-President tal-Kummissjoni għal emendi mmirati tat-Trattat, sa liema punt lest li timpenja ruħek biex tappoġġja dan, speċifikament ukoll għall-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill, inkluż iżda mhux limitat għall-politika barranija? Liema dispożizzjonijiet tat-Trattat tħoss li jeħtieġ li assolutament jiġu mmodifikati fil-konfigurazzjoni attwali tal-UE, u liema għandhom jiġu mmodifikati fid-dawl tat-tkabbir? Kif tiżgura li l-adeżjoni mal-UE hija kwistjoni orizzontali li tqis il-proċess ta' riforma possibbli tal-UE, aktar milli kwistjoni li ta' spiss titqies mil-lat tal-politika barranija?

Minħabba r-responsabbiltà twila tiegħi fir-relazzjonijiet interistituzzjonali, jien familjari ħafna mal-Ftehim Qafas tal-2010 dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea, peress li nneozzajt dan il-fajl f'isem il-Kummissjoni.

Filwaqt li nibni fuq l-esperjenza kollettiva ta' tagħna matul dawn l-aħħar 14-il sena u f'konformità mal-Ittra ta' Missjoni tiegħi, ninsab impenjat li nmexxi l-ħidma fuq ir-reviżjoni tal-Ftehim Qafas. Il-qafas imġedded għar-relazzjonijiet ta' tagħna għandu jkollu l-għan li jsaħħaħ ir-responsabbiltà u d-djalogu konġunti ta' tagħna, iżid il-fluss ta' informazzjoni u jtejjeb it-trasparenza. Fil-proċess tan-negozjati, se nkun lest niddiskuti t-talbiet tal-Parlament u nistenna l-istess mill-Parlament fir-rigward tal-aspettattivi leġittimi tal-Kummissjoni. F'dan l-eżerċizzju, nistgħu nibnu fuq il-valutazzjoni konġunta mwettqa mill-Kummissjoni u l-Parlament aktar kmieni din is-sena.

Matul il-proċess ta' revizzjoni, għandna nkunu konxji tal-prerogattivi tal-Kunsill peress li xi wħud mill-kwistjonijiet jistgħu jiġu diskussi biss f'format trilaterali. Is-sistema interistituzzjonali ta' tagħna tista' taħdem biss jekk nippreservaw il-bilanċ u l-prerogattivi rispettivi kif previst fit-Trattati.

Jekk niġi kkonfermat, se niżgura li l-Kummissjoni se tkompli ta' għaxxi b'rispett sħiħ tad-dmir ta' kooperazzjoni sinċiera fin-negozjati interistituzzjonali u se topera kull fejn ikun meħtieġ biex tiżgura li l-Parlament u l-Kunsill jiġu ttrattati b'mod ugwali.

Fit-trilogi, il-Kummissjoni se tkompli tiffaċilita l-ftehim bejn il-koleġiżlaturi u se tkompli taġixxi b'rispett sħiħ tal-prerogattivi tal-Parlament u tal-Kunsill.

Se niżgura li l-Parlament ikun jista' jattendi l-laqgħat rilevanti kollha tal-gruppi ta' esperti fejn ikunu qed jiġu diskussi atti delegati, u li f'każijiet bħal dawn, ikollu aċċess għall-istess informazzjoni mibgħuta lill-awtoritajiet nazzjonali.

Fir-rigward tar-responsabbiltà politika, l-Artikolu 17(8) tat-TUE jipprevedi li l-Kummissjoni "bħala grupp" għandha tkun responsabbli quddiem il-Parlament Ewropew. Għalhekk, it-Trattat huwa ċar li l-Kummissjoni għandha responsabbiltà kollettiva lejn il-Parlament. F'konformità mal-Linji Gwida Politiċi, se niżgura li l-Kummissarji jkunu preżenti regolarment fil-kumitati parlamentari biex itejbu l-fluss ta' informazzjoni fiż-żewġ direzzjonijiet, pereżempju matul id-djalogi strutturati regolari li jikkontribwixxu għall-programm ta' ħidma annwali tal-Kummissjoni u d-diskussjonijiet dwar ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament dwar l-Artikolu 225 tat-TFUE.

Il-Kummissjoni ħadet nota tat-tħassib tal-Parlament dwar l-użu tal-Artikolu 122 tat-TFUE. Kif iddikjarat mill-President fil-linji gwida politiċi, se niżguraw li l-Artikolu 122 tat-TFUE jintuża biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali. Il-President impenjat ruħha li tiġġustifika bis-sħiħ l-użu tiegħu lill-Parlament. Se niżgura li l-Membri tal-Kulleġġ jikkonformaw mal-impenn li jipprovdu ġustifikazzjoni komprensiva u informazzjoni dwar il-każijiet eċċezzjonali fejn il-proposti mill-Kummissjoni huma bbażati fuq l-Artikolu 122 tat-TFUE.

Diġà urrejt l-impenn personali tiegħi li nżomm lill-Parlament infurmat regolarment fil-kuntest tan-negozjati mal-Iżvizzera u mar-Renju Unit.

Jekk niġi kkonfermat, se niżgura li l-Parlament u l-kumitati tiegħu jkunu infurmati minnufih u bis-sħiħ fl-istadji kollha tal-proċedura għan-negozjar ta' ftehimiet internazzjonali. Dan jeħtieġ li jsiru l-arranġamenti meħtieġa biex jiġi żgurat trattament kunfidenzjali ta' informazzjoni fejn meħtieġ.

Dwar il-kwistjoni ta' ftehimiet mhux vinkolanti, jiena lest li nħares lejn modi biex niżgura li l-Parlament ikun infurmat, fil-mument opportun fil-proċedura, u b'rispett sħiħ tal-prerogattivi tal-Kunsill kif ikkonfermati mill-Qorti.

Jiena konxju bis-sħiħ li l-kwistjoni tal-bidla fit-Trattat hija fuq quddiem fl-aġenda tal-Parlament u nappoġġa bis-sħiħ id-dikjarazzjoni tal-President von der Leyen li neħtieġu bidla fit-trattat fejn tista' ttejjeb il-funzjonament tal-Unjoni tagħna. Bir-riżoluzzjoni tat-22 ta' Novembru 2023, il-Parlament ta' bidu formali għall-proċess ta' reviżjoni tat-trattat fl-Artikolu 48 tat-TUE u nista' nikkonferma li l-Kummissjoni tinsab lesta li taqdi r-rwol istituzzjonali tagħha fil-proċedura stabbilita fit-Trattat, u b'mod partikolari li tagħti l-opinjoni tagħha jekk u meta tiġi kkonsultata mill-Kunsill Ewropew.

Il-governanza tal-UE tista' tittejjeb malajr billi jintuża bis-sħiħ il-potenzjal tat-Trattati attwali, b'mod partikolari fir-rigward tat-tisħiħ tal-kapaċità tal-Unjoni li taġixxi malajr u b'mod effiċjenti billi tgħaddi minn votazzjoni b'unanimità għal votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill kull meta jkun possibbli.

Il-Kummissjoni għamlet rakkomandazzjonijiet biex tattiva l-"klawżoli passerelle" li jippermettu l-bidla minn votazzjoni b'unanimità għal votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata f'erba' Komunikazzjonijiet fl-2018 u l-2019, b'mod partikolari fl-oqsma tal-enerġija, it-tassazzjoni u aspetti importanti tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni. L-ebda waħda minnhom ma tmexxiet 'il quddiem mill-Kunsill. Jenħtieġ li nsibu modi flimkien biex nindirizzaw it-tħassib tal-Istati Membri dwar it-tranżizzjoni mill-unanimità għall-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata. Ninsab impenjat bis-sħiħ li nkompli nimpenna ruħi mal-Istati Membri biex din l-aġenda titmexxa 'l quddiem biex tissaħħaħ il-kapaċità ta' aġir tal-Ewropa.

Qasam ieħor fejn nistgħu nimxu mill-unanimità għal maġġoranza kwalifikata, anke mingħajr ma jiġu emendati t-Trattati, huwa t-kabbir. Kif imsemmi fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-riformi ta' qabel it-tkabbir u r-rieżamijiet tal-politika, filwaqt li l-ħtieġa għall-unanimità għall-ammissjoni ta' Stat Membru ġdid hija ġġustifikata bis-sħiħ, il-possibbiltà li l-Kunsill jingħata s-setgħa li jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata tista' tiġi esplorata għal ċerti passi interim tal-proċess tat-tkabbir.

7. Titjib tas-segwitu għall-inizjattivi tal-Parlament

Kif tiżgura li jissaħħaħ id-dritt ta' inizjattiva tal-Parlament skont l-Artikolu 225 tat-TFUE, billi tipprovdi informazzjoni dettaljata u tagħti segwitu sostanzjali, u mhux biss tikkonforma mal-iskadenzi formali għat-

tweġibiet? Tista' tindika liema impenji konkreti oħra lest li tieħu biex issaħħa id-dritt ta' inizjattiva tal-Parlament - f' termini ġenerali jew f'oqsma ta' politika speċifiċi - b' mod partikolari fir-rigward ta' proposti biex tiġi emendata jew revokata l-liġi eżistenti u f'hejm interistituzzjonali ġdid bejn it-tliet istituzzjonijiet iddedikat għall-proċeduri relatati mal-kompożizzjoni tal-Parlament stess, l-elezzjoni tal-Membri tiegħu u l-Istatut tagħhom, kif ukoll id-dritt ta' inkjesta tal-Parlament biex jiġi evitat li l-fajls jiġu mblukkati istituzzjonalment? B' mod partikolari, x'int lest li tagħmel biex tiffavorixxi n-negozjati fi ħdan il-Kunsill dwar il-proposta tal-Parlament għar-riforma tal-Liġi Elettorali Ewropea ta' Mejju 2022? Kif qed tippjana li tinvolvi ruħek mal-Istati Membri biex tiffaċilita dan il-proċess?

Peress li l-parlamenti nazzjonali żviluppaw prattika ta' rieżami tal-proporzjonalità tal-inizjattivi leġiżlattivi tal-UE, flimkien mar-rieżami tas-sussidjarjetà attwalment permess skont il-Protokoll II tat-Trattat ta' Liżbona, tqis li hija meħtieġa riforma tas-sistema attwali sabiex il-parlamenti nazzjonali jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom b' mod aktar effettiv fil-proċedura leġiżlattiva (UE)?

Min-naħa tal-Kummissjoni, nistgħu nħarsu lura lejn rekord tajjeb fl-aħħar mandat:

Fil-Linji Gwida Politiċi tagħha tal-2019, il-President von der Leyen diġà kienet wiegħdet li ssaħħa is-sħubija bejn il-Kummissjoni u l-Parlament. Hija impenjat ruħha li l-Kummissjoni twieġeb għar-riżoluzzjonijiet tal-Parlament skont l-Artikolu 225 tat-TFUE bi proposti leġiżlattivi b'rispett sħiħ tal-prinċipji tal-proporzjonalità, tas-sussidjarjetà u tat-tfassil aħjar tal-liġijiet.

Il-Kummissjoni żammet dik il-wegħda, u nemmen li ċ-ċifri jtkellmu għalihom infushom: fil-mandat attwali, il-Kummissjoni wiegħbet b' mod pożittiv għal 24 minn 25 riżoluzzjoni skont l-Artikolu 225 tat-TFUE billi rressqet proposti leġiżlattivi, impenjat ruħha li tagħmel proposti bħal dawn, jew impenjat ruħha li tivvaluta aktar kif għandha titmexxa 'l quddiem it-talba tal-Parlament. L-unika eċċezzjoni kienet riżoluzzjoni waħda dwar l-ippjanar ta' kontinġenza tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali minn Mejju 2020. Ma kellniex bżonn inseguw r-riżoluzzjoni tal-Parlament peress li rnexxielna naqblu dwar ir-rieżami tal-QFP futuri.

Wara l-impenji tagħna, il-Kummissjoni diġà adottat 40 proposta leġiżlattiva li jirrispondu għar-riżoluzzjonijiet tal-Artikolu 225 mill-Parlament. Proposta oħra qed titħejja u hija mistennija li tiġi adottata kmieni s-sena d-dieħla. L-inizjattivi kollha li jirriżultaw mill-inizjattivi tal-Artikolu 225 tat-TFUE ġew immarkati bħala tali fil-Programm ta' Ħidma annwali tal-Kummissjoni.

Biex inkomplu nsaħħu l-kooperazzjoni tagħna mal-Parlament dwar l-Artikolu 225 tat-TFUE, fil-Linji Gwida Politiċi tagħha tal-2024 il-President impenjat ruħha li titlob lill-Kummissarji jieħdu sehem fi djalogi strutturati mal-kumitati parlamentari dwar ir-Riżoluzzjonijiet tal-Artikolu 225 tat-TFUE.

Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se nkompli naħdem mill-qrib mal-Membri kollha tal-Kulleġġ biex niżgura li l-Kummissjoni tikkonforma ma' dan l-impenn. Se nkompli wkoll nimmonitorja l-implimentazzjoni tat-tweġibiet tal-Kummissjoni għar-riżoluzzjonijiet tal-Parlament u se nkun disponibbli biex niddiskuti regolarment is-segwitu tal-Kummissjoni matul id-djalogi strutturati mal-Kumitat AFCO.

Ħadit nota tajba tat-talba biex jiġi rifless dak l-impenn tal-President tal-Kummissjoni fil-Ftehim Qafas. Dan se jkollu jkun is-suġġett ta' negozjati mal-Parlament sabiex jinstabu modi kif jiġi rrispettat il-bilanċ interistituzzjonali.

Nappoġġja bis-sħiħ l-appell tal-Parlament għal kooperazzjoni bla xkiel bejn l-istituzzjonijiet dwar fajls skont proċeduri leġiżlattivi speċjali u naqbel mal-fehma tal-Parlament li l-istituzzjonijiet kollha jridu jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont it-Trattati. Nilqa' l-konklużjoni b' suċċess matul il-mandat attwali tal-proċedura leġiżlattiva speċjali dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew għall-elezzjonijiet tal-2024.

Fir-rigward tal-proposta tal-Parlament għal riforma tal-Liġi Elettorali, filwaqt li l-Kummissjoni ma għandhiex rwol formali fil-proċedura leġiżlattiva speċjali stabbilita fl-Artikolu 223 tat-TFUE, taħt il-gwida tal-Kummissarju nnominat li għandu r-responsabbiltà għall-fajl, se nkompli nappoġġja lill-Parlament u lill-Kunsill biex isibu approċċi fattibbli biex javvanzaw id-diskussjonijiet dwar din il-proposta.

Il-parlamenti nazzjonali għandhom rwol sinifikanti fit-tfassil tal-politika u l-funzjonament tajjeb tal-UE. Ta' spiss jirrieżaminaw l-inizjattivi leġiżlattivi tal-Kummissjoni mhux biss għall-konformità tagħhom mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stipulat mit-Trattat ta' Liżbona, iżda wkoll mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Għal dawn tal-aħħar, huma jipprovdur kontribuzzjonijiet validi permezz ta' opinjonijiet bil-miktub taħt id-“djalogu politiku” mal-Kummissjoni u f'kuntatti diretti mal-Kummissjoni u ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE. Il-Kummissjoni twieġeb

għall-opinjoni kollha tal-Parlament nazzjonali. Għalhekk, filwaqt li ma narax il-ħtieġa għal xi proċedura amministrattiva ġdida jew għal bidla fit-Trattat f' dan ir-rigward, ninsab lest li nesplora mal-Parlamenti nazzjonali kif niffaċilita fil-prattika l-kontribut proattiv, bikri tagħhom, u r-reazzjonijiet immirati tagħhom, għall-inizjattivi kollha tal-Kummissjoni.

8. Dritt ta' inkjesta tal-PE

Liema għodod tqis li huma indispensabbli għal dritt ta' inkjesta sinifikanti għall-Parlament?

Jekk il-Kunsill jirrifjuta li jniedi mill-ġdid in-negozjati li waqfu u peress li m'hemmx ordni speċifika biex tingħata l-approvazzjoni mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni, lest timpenja ruħek li tibda negozjati leġiżlattivi bilaterali mal-Parlament dwar Regolament ġdid dwar is-setgħat ta' inkjesta tiegħu, f'konformità mal-obbligu minqux fl-Artikolu 226 tat-TFUE? B'mod parallel, se timpenja ruħek mal-Istati Membri biex tħeġġeġ l-appoġġ tagħhom għall-avvanz tad-dritt ta' inkjesta?

Barra minn hekk, f'każ li l-Kunsill ikompli jirrifjuta li jidħol f'negozjati leġiżlattivi mal-Parlament u l-Kummissjoni dwar id-Dritt ta' Inkjesta, u jekk il-Parlament jiddeċiedi li japplika l-Artikolu 265 tat-TFUE, tippromponi lill-Kulleġġ tal-Kummissarji li jressaq azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea minħabba n-nuqqas ta' azzjoni min-naħa tal-Kunsill?

Il-Kummissjoni u jien personalment dejjem irrikonnoxxejna l-importanza tad-dritt ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew u kkooperajna mal-kumitati tal-inkjesti f'konformità sħiħa mat-Trattati u abbażi tad-Deċiżjoni 95/167/KE dwar id-dispożizzjonijiet dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt ta' inkjesta tal-Parlament.

Nappoġġa bis-sħiħ lill-Parlament fl-intenzjoni tiegħu li jimmodernizza dik id-Deċiżjoni li teħtieġ l-approvazzjoni kemm tal-Kunsill kif ukoll tal-Kummissjoni.

Jekk niġi kkonfermat, se nkompili nappoġġa lill-Parlament u lill-Kunsill biex isibu soluzzjonijiet biex jiżblukkaw il-proċess ta' modernizzazzjoni billi nuża l-mezzi interistituzzjonali kollha disponibbli kif ukoll permezz ta' sensibilizzazzjoni u konsultazzjoni informali. Ninsab lest li ninvolvi ruħi u niddiskuti modi ġodda possibbli 'l quddiem mar-relatur u mal-Kumitat rilevanti.

Jekk niġi kkonfermat, inġedded l-isforzi tiegħi biex insib bażi politika komuni dwar dan il-fajl bejn il-Parlament u l-Kunsill, li l-Kummissjoni tista' tappoġġa wkoll.

Mistoqsija mill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

9. Il-Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2024–2029 esponew il-fatt li, fost affarijiet oħra, il-politika estera u ta' sigurtà ġdida tal-UE trid titfassal bir-realtà globali attwali f'moħħna. Barra minn hekk, l-ittra ta' missjoni tiegħek tispeċifika li se taħdem fuq il-ġestjoni u l-approfondiment tas-sħubijiet tagħna madwar id-dinja, b'mod partikolari t-tmexxija tal-ħidma dwar ir-relazzjonijiet mar-Renju Unit, l-Iżvizzera u sħab oħra fl-Ewropa tal-Punent. Mingħajr preġudizzju għall-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, xi jkun l-prijoritajiet u l-objettivi/miri konkreti tiegħek fuq terminu qasir, medju u twil tul il-mandat tiegħek fir-rigward ta':

- *tisħiħ tar-relazzjonijiet mar-Renju Unit dwar kwistjonijiet ta' interess komuni, u r-riflessjoni tal-istess livell ta' impenji bħal dawk meħuda mill-President von der Leyen fil-Plenarja tas-27 ta' April 2021 fir-rigward tal-iskrutinju parlamentari tal-implimentazzjoni tal-Ftehimiet bejn l-UE u r-Renju Unit? B'mod partikolari, fir-rigward tat-tħejjija għar-rieżami tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u l-assoċjazzjoni sħiħa tal-Parlament mal-proċess, u l-finalizzazzjoni tal-ftehim bejn l-UE u r-Renju Unit fir-rigward ta' Ġibiltà?*

- *avvanzi fin-negozjati mal-Iżvizzera biex tiġi żgurata relazzjoni modernizzata bbażata fuq pakkett ta' ftehim li joħloq stabbiltà, fiduċja, u kundizzjonijiet ekwi?*

- *l-iżgurar li l-Parlament ikun infurmat minnufih u bis-sħiħ dwar l-attivitajiet ta' korpi differenti skont Ftehim jew Ftehimiet futuri ma' sħab fl-Ewropa tal-Punent fil-qasam ta' responsabbiltà tiegħek, inklużi t-tgħarrif u l-ġbir ta' informazzjoni qabel u wara l-laqgħat tagħhom kif ukoll il-kondiviżjoni tad-dokumenti kollha li jappartjenu għal dawn il-korpi konġunti fl-istess ħin li l-Kummissjoni tikkondividihom mal-Kunsill; li l-Parlament ikun involut kif xieraq u meħtieġ meta jittieħdu deċiżjonijiet importanti skont Ftehim (emenda, terminazzjoni, eċċ.), inkluż billi jitqiesu l-kummenti possibbli tiegħu jew jiġu spjegati r-raġunijiet għaliex ma jagħmilx dan; u li l-Parlament Ewropew ikun infurmat biżżejjed minn qabel dwar l-intenzjonijiet tal-Kummissjoni li tippromponi deċiżjonijiet ġodda marbuta mal-implimentazzjoni ta' Ftehim?*

It-tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Renju Unit f'konformità mal-Linji Gwida Politiċi tal-2024–2029 tal-President von der Leyen se jkun objettiv ewlieni matul il-mandat tiegħi. Dan jinkludi l-iżgurar li l-ftehimiet eżistenti jiġu implimentati bis-sħiħ, kif ukoll it-tisħiħ tar-relazzjonijiet mar-Renju Unit dwar kwistjonijiet ta' interess kondiviż.

B'mod partikolari:

- **Il-Ftehim dwar il-Ħruġ, inkluż il-Qafas ta' Windsor, u l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni** huma l-pedament tar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Renju Unit. Dawn il-ftehimiet jeħtieġ li jiġu implimentati b'mod sħiħ, leali u f'waqtu.
- **Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni** jipprovdi bilanċ tajjeb ta' drittijiet u obbligi għaż-żewġ Partijiet filwaqt li jqis il-linji ħomor tar-Renju Unit (l-ebda Suq Uniku, l-ebda Unjoni Doganali, l-ebda libertà ta' moviment). Se naħdem biex nisfrutta aktar il-potenzjal ta' dan il-ftehim.
- **Is-sigurtà u r-reżiljenza** se jkunu pilastru importanti għall-aġenda l-għdida tagħna mar-Renju Unit. L-Ewropa u l-viċinat tagħha qed jiffaċċjaw sfidi ġeopolitiċi bla preċedent u l-każ għal kooperazzjoni aktar profonda f'dan il-qasam huwa ċar. Dan jgħodd għall-kooperazzjoni dwar is-sigurtà u d-difiża, iżda wkoll, b'mod aktar ġenerali, għar-reżiljenza għall-kriżijiet ġeopolitiċi. Se naħdem mar-RGħ/VP dwar dawn il-kwistjonijiet.
- Il-kuntatti **bejn il-persuni** se jkunu komponent essenzjali ta' relazzjoni msaħħa. Dan ifisser li ċ-ċittadini kollha għandhom ikunu jistgħu jgawdu d-drittijiet sħaħ tagħhom skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ, fir-Renju Unit u fl-UE, issa u fil-ġejjieni. "**Skema ta' esperjenza taż-żgħażaġh**" bejn l-UE u r-Renju Unit hija inizzjattiva waħda f'dan il-qasam li tista' tiġi esplorata.
- Se mmexxi 'l quddiem il-kooperazzjoni tagħna dwar **il-protezzjoni tal-pjaneta tagħna u r-riżorsi tagħha**, inkluż **is-sajd, il-klima u l-enerġija sostenibbli**. Irridu niżguraw aċċess kontinwu għall-ilmijiet tar-Renju Unit għall-flotot tas-sajd tal-UE. Dwar l-enerġija, se nmexxi l-isforzi biex nisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, inkluż l-appfondiment tal-kooperazzjoni dwar is-sigurtà tal-provvista, u l-ħidma fuq l-implimentazzjoni tal-arranġamenti kummerċjali tal-elettriku.
- Minn Ottubru 2021, ġew iddedikati sforzi sinifikanti għan-negozjati għal ftehim bejn l-UE u r-Renju Unit dwar **Ġibiltà**, bl-għan li jitneħħew il-verifiki u l-kontrolli għall-persuni u l-merkanzija għall-benefiċċju tar-reġjun kollu. Se nkompli bl-isforzi biex nikkonkludi dawn in-negozjati.

Dwar dawn il-kwistjonijiet kollha, se naħdem mill-qrib mal-Parlament Ewropew fi spirtu ta' trasparenza, fiduċja u żamma tal-unità tal-UE.

Il-fokus tar-relazzjonijiet tagħna mal-**Iżvizzera** huwa l-konklużjoni ta' pakkett wiesa' ta' ftehimiet. L-għan tagħna huwa li nikkonkludu n-negozjati sa tmiem din is-sena u wara dan naħdmu għall-iffirmar, il-konklużjoni u d-dħul fis-seħħ tal-pakkett. Dan se jippermettilna nimmodernizzaw, nibbilanċjaw u nappfondixxu l-kooperazzjoni tagħna ma' dan is-sieħeb mill-qrib u tal-istess fehma. Ir-regoli li jirregolaw il-parteċipazzjoni Żvizzera fis-Suq Uniku tal-UE jridu jiżguraw iċ-ċertezza legali u l-prevedibbiltà, kif ukoll il-ġustizzja u kundizzjonijiet ekwi għaċ-ċittadini u n-negozji tagħna.

Ir-relazzjoni mal-Iżvizzera hija ggwidata mill-istess prinċipji applikati għas-Sħab Ewropej tal-Punent kollha tagħna: il-protezzjoni tal-integrità tas-suq intern u l-awtonomija tat-teħid tad-deċizzjonijiet tal-UE u l-iżguraw ta' bilanċ xieraq tad-drittijiet u l-obbligi.

Matul il-leġiżlatura preċedenti, tajt attenzjoni partikolari biex ninforma bis-sħiħ u nagħti debriefing, kif ukoll ninvolvi lill-Parlament fil-kwistjonijiet kollha relatati mas-Sħab tal-Ewropa tal-Punent. Beħsiebni nkompli l-kooperazzjoni mill-qrib tagħna.

Pereżempju, fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni – l-aktar ftehim komprensiv tat-tip tiegħu konkluż ma' pajjiż terz – se nkompli napplika l-impenji li saru mill-Kummissjoni meta l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (FKK) bejn l-UE u r-Renju Unit ġie ratifikat fl-2021, bħal dawk dwar il-kondiviżjoni tal-informazzjoni mal-Parlament.

Mistoqsija mill-Kumitat għall-Iżvilupp

10. Ir-rabta bejn il-kummerċ u l-iżvilupp tfisser fost l-oħrajn li l-kummerċ huwa wieħed mill-aktar għodod importanti biex jgħin lill-pajjiżi sħaħ fi triqithom lejn l-iżvilupp sostenibbli. Kif se tiżgura li l-kummerċ tal-UE mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw jikkontribwixxi għal dan l-għan, fl-isfond ta' enfasi msaħħa fuq l-interessi ekonomiċi u s-sigurtà ekonomika tal-UE stess, sabiex tinkiseb sitwazzjoni fejn jirbaħ kulħadd għaż-żewġ naħat? F'dak il-kontest, l-istrument tal-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (SGP) Plus huwa maħsub biex jagħti lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw inċentiv kummerċjali speċjali biex isegwu żvilupp sostenibbli u governanza tajba, iżda jidher li l-għadd ta' pajjiżi li jagħmlu użu minn dik il-possibbiltà s'issa huwa pjuttost limitat. X'inhuma, jekk hemm, il-pjanijiet biex dan l-inċentiv jaħdem aħjar? Bl-istess mod, il-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (FSE) s'issa gawdew minn popolarità pjuttost limitata fost il-pajjiżi sħaħ, minħabba l-biża' li jistgħu jagħmlu pressjoni fuq l-industriji li jikkompetu mal-importazzjoni. L-FSE huma kkritikati wkoll li huma limitati wisq biex irawmu l-iżvilupp

sostenibbli (ma jkoprux il-kummerċ fis-servizzi, l-investment, l-akkwist pubbliku, il-kompetizzjoni, il-kummerċ diġitali, jew it-tibdil fil-klima). Kif qed tippjana li tiżgura li l-FSE jkunu aktar komprensivi u li jsiru aktar attraenti għall-pajjiżi sħab?

Il-kummerċ internazzjonali biddel il-wieċ tal-ekonomija globali billi integra l-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fi ktajjen ta' valur reġjonali u globali, ta spinta lill-kapaċitajiet produttivi tagħhom u saħħa il-prosperità tal-poplu tagħhom. B'dan il-mod, il-kummerċ sar wieħed mill-aktar għodod importanti biex jgħin lill-pajjiżi sħab fit-triqthom lejn l-iżvilupp sostenibbli. Filwaqt li l-kompetizzjoni ġeopolitika u ġeoeconomika tista' taffettwa ċerti aspetti tal-kummerċ internazzjonali, dawn ma jbidlux in-natura ta' **benefiċċju għal kulħadd tas-sħubijiet tal-UE** u l-interessi tagħna biex **inkomplu nappfondixxu r-rabtiet mal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp**.

L-ewwel nett, filwaqt li l-UE qed tagħti attenzjoni sinifikanti lill-**kompetittività** u s-**sigurtà ekonomika** tagħha stess, dawn huma marbuta mill-qrib mal-iżvilupp ta' sħubijiet aktar mill-qrib, b'mod partikolari man-Nofsinhar Globali. **Sħubijiet** bħal dawn jirriflettu l-interess konġunt tagħna fid-diversifikazzjoni tal-ktajjen tal-provvista, it-tisħiħ tal-provvista ta' inputs kritiċi meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, it-trawwim tal-investment u l-industrijalizzazzjoni ekoloġika. Dawn l-oġettivi huma riflessi fl-aġenda kummerċjali bilaterali tal-UE u huma fil-qofol ta' inizjattivi ġodda bħas-**Sħubijiet ta' Kummerċ Nadif u ta' Investment**. Sħubijiet bħal dawn se jappoġġaw l-investimenti f'ċerti ktajjen ta' provvista strateġiċi nodfa f'pajjiżi terzi, b'mod li jsaħħu s-sostenibbiltà, il-valur miżjud u l-ekonomija tas-sħab tagħna filwaqt li jiżguraw li l-prodotti tat-teknoloġija nadifa, l-enerġija nadifa u l-materja prima jkunu jistgħu jiċċirkolaw liberament bejn il-fruntieri. Meta jagħmlu dan, dawn se jmorru lil hinn mil-limitazzjonijiet ta' approċċi preċedenti. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se naħdem biex nibni fuq is-sħubijiet tal-UE mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u nappfondihom u, flimkien mal-Kummissarju għas-Sħubijiet Internazzjonali, niżgura li r-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investment ma' daww is-sħab ikomplu jikkontribwixxu għat-twettiq tal-**Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli** (Sustainable Development Goals, SDGs).

It-tieni nett, fid-dawl tal-attraenza tas-Suq Uniku u l-interess fit-tul tal-UE li tappoġġa lill-pajjiżi sħab fit-triq tagħhom lejn l-iżvilupp sostenibbli, jekk niġi kkonfermat, se nagħti attenzjoni partikolari lill-użu effettiv tal-għodod tal-UE, inkluża l-**Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi Plus (SĠP+)**. B'mod partikolari, se niżgura li l-SĠP+ tibqa' għodda effettiva billi jiġi żgurat l-involvement kontinwu tal-UE mal-awtoritajiet governattivi tal-SĠP+, jiġi żgurat spazju għas-soċjetà ċivili u għan-negozji biex jinsistu għal bidliet fuq il-post, u billi tingħata attenzjoni partikolari lill-avvanz tad-drittijiet tan-nisa u tat-tfal, lill-ġlieda kontra t-tortura u t-trattament ħażin u lill-eradikazzjoni tat-tħaddim tat-tfal u tax-xogħol furzat. Fl-istess ħin, is-SĠP+ hija għodda li l-UE tista' tingrana sabiex l-interessi tagħha stess f'oqsma oħra ta' politika, bħall-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni u r-riammissjoni, jiġu żgurati.

Ir-rieżami leġiżlattivi li għaddej tal-SĠP għandu l-għan preċiż li jiffaċilita l-aċċess għas-SĠP+ għan-numru dejjem jikber ta' pajjiżi l-anqas żviluppatti (least developed countries, LDCs) li joħorġu mill-kategorija LDC matul il-ftit snin li ġejjin. Jekk niġi kkonfermat, se nftitex li nilħaq ftehim dwar ir-rieżami tar-Regolament SĠP biex inkompli nappoġġa l-integrazzjoni tas-sħab tagħna li qed jiżviluppaw fil-flussi kummerċjali internazzjonali kif ukoll ir-rispett tagħhom tal-istandards internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tax-xogħol, l-ambjent, il-klima u l-governanza tajba.

It-tielet nett, se nkompli nappoġġa l-implimentazzjoni tal-**Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (FSE)** tagħna u nesplora l-estensjoni tal-ambitu tagħhom. Il-FSE kellhom impatt pożittiv fuq l-ekonomija tal-pajjiżi kkonċernati. Pereżempju, l-investimenti tal-UE fil-pajjiżi sħab tal-FSE f'dawn l-aħħar ħames snin żiedu b' 63 %, meta mqabbla ma' 20 % biss f'pajjiżi mhux tal-FSE. Għalkemm il-biċċa l-kbira tal-FSE jikkonċernaw prinċipalment il-kummerċ fil-prodotti, il-FSE reċenti bejn l-UE u l-Kenja li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2024 wessa' l-approċċ tagħna u fih impenji b'saħħithom dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli. Il-FSE bejn l-UE u l-Kenja huwa miftuħ għal pajjiżi oħra tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant biex jissieħbu u bħala tali għandu l-għan li jsir FSE reġjonali. Ninsabu wkoll fil-proċess li nimmodernizzaw l-FSE eżistenti ma' ħames stati tal-Afrika tal-Lvant u tan-Nofsinhar (ESA5: Comoros, Madagascar, Mauritius, is-Seychelles u ż-Żimbabwe) fis-seħħ mill-2012 biex imorru lil hinn mill-kummerċ tal-merkanzija u l-kooperazzjoni ekonomika u għall-iżvilupp.

Jekk niġi kkonfermat, se nsegwi wkoll toroq oħra ta' approfondiment tas-sħubija strateġika tal-UE mal-Afrika, kemm fil-livell bilaterali kif ukoll f'dak kontinentali. B'mod bilaterali, qed nużaw Ftehimiet ta' Faċilitazzjoni tal-Investment Sostenibbli (Sustainable Investment Facilitation Agreements, SIFA), li l-ewwel wieħed minnhom ġie konkluż mal-Angola. Se nesplora l-użu ta' dan it-tip ta' ftehim ma' sħab Afrikani oħra (il-Ghana, il-Kosta tal-Avorju u l-Kamerun). Se nesplora l-potenzjal tad-Djalogi dwar il-Kummerċ u l-Investment ma' pajjiżi strateġiċi oħra, bħall-Afrika t'Isfel u n-Niġerja kif ukoll mezzi oħra ta' impenn biex jiġi segwit sett dejjem jikber ta' oġettivi

ta' politika, bħas-CTIPs. Fil-livell kontinentali, se ninvesti biex niżviluppa aktar id-Djalogu ta' Livell Għoli dwar l-Integrazzjoni Ekonomika u l-Kummerè mal-Unjoni Afrikana.

Jekk niġi kkonfermat, se nkompli niżviluppa l-attrazzenza tal-FSE tagħna u tal-SĠP+ għas-sħab tagħna permezz ta' regoli tal-orijini effettivi u flessibbli li jippermettu lill-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku jagħmlu użu mill-preferenzi li huma intitolati għalihom, flimkien ma' assistenza teknika u taħriġ xierqa. Fl-istess ħin, l-attivitajiet ta' monitoraġġ dwar il-benefiċjarji tal-SĠP se jiżguraw li l-prodotti eliġibbli biss jiksbu preferenzi. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se nwettag evalwazzjoni tar-regoli tal-orijini tal-UE, biex nivvaluta l-adegwatezza għall-użu tagħhom u ninvolvi ruħi f'riflessjoni dwar il-modernizzazzjoni possibbli tagħhom.

Mistoqsija mill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

11. X'ikunu l-objettivi tiegħek biex twassal lill-Unjoni Doganali għal-livell li jmiss u tiġi żgurata dwana effiċjenti u moderna, b'mod partikolari biex jiġu indirizzati l-isfidi bħal dik tal-pjattaformi tal-kummerè elettroniku, kif imħabbar fil-linji gwida politiki tal-President tal-Kummissjoni u x'azzjoni ulterjuri tipprevedi f'dan ir-rigward? Għalkemm ir-riforma doganali toħloq pjattaforma ċentralizzata tad-data doganali b'benefiċċji kemm għall-awtoritajiet doganali kif ukoll għan-negozji, il-Kummissjoni kif se tiffinalizza t-tranżizzjoni lejn ambjent doganali kompletament diġitali u tevita aktar dewmien mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tas-sistemi tal-IT? Sadanittant, beħsiebek ittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u tressaq bidliet immirati, bħal finanzjament addizzjonali lill-awtoritajiet doganali, biex tindirizza l-isfidi ppreżentati mill-pjattaformi tal-kummerè elettroniku stabbiliti f'pajjiżi terzi, inkluża ċ-ċirkonvenzjoni tar-regoli tal-UE permezz tat-tqassim tal-ordnijiet?

Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se nmexxi l-isforzi dwar in-negozjati u l-implimentazzjoni tar-riforma Doganali tal-UE u l-istabiliment tal-Awtorità Doganali tal-UE. Il-miżuri proposti fir-riforma jippreżentaw viżjoni ta' livell dinji, xprunata mid-data għad-Dwana tal-UE, li se tissimplifika bil-kbir il-proċessi doganali għan-negozji, speċjalment għall-aktar operatori affidabbli. Dawn se jiġbu l-Unjoni Doganali tal-UE fis-seklu 21, filwaqt li jappoġġaw is-27 Awtorità Doganali tal-UE biex jaġixxu bħala entità waħda fil-fruntiera komuni tagħna u jsaħħu s-sigurtà ekonomika filwaqt li jiffaċilitaw il-kummerè. Filwaqt li tħaddan it-trasformazzjoni diġitali, ir-riforma se tnaqqas il-proċessi doganali kkumplikati, billi se tissimplifika d-dikjarazzjonijiet tradizzjonali b'approċċ aktar intelliġenti u nmexxi mid-data għas-superviżjoni tal-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet. Fl-istess ħin, l-awtoritajiet doganali se jkollhom informazzjoni u mezzi aħjar biex jivvalutaw u jwaqqfu kif xieraq l-importazzjonijiet illeċiti u, fejn applikabbli, l-esportazzjonijiet li joħolqu riskji reali għaċ-ċittadini, l-ekonomija u l-ambjent tal-UE. Awtorità Doganali ġdida tal-UE (EU Customs Authority, EUCA) se tiżviluppa u tissorvelja l-Hub tad-Data Doganali tal-UE li se jaġixxi bħala l-magna tal-ekosistema l-ġdida. Maż-żmien, il-Hub tad-Data se jissostitwixxi l-infrastruttura u s-sistemi tal-IT doganali eżistenti fl-Istati Membri tal-UE u se jiffrankalhom sa EUR 2 biljun fis-sena fi spejjeż operatorji. L-EUCA se tgħin ukoll fit-tweġiq ta' approċċ imtejjeb tal-UE għall-ġestjoni tar-riskju u l-kontrolli doganali tul il-ktajjen ta' provvista kollha tal-merkanzija.

Permezz tal-Programm Doganali, aħna niżguraw li jsir titjib simili fid-diġitalizzazzjoni u l-ġestjoni tar-riskju fil-pajjiżi tagħna tat-tkabbir u ta' qabel l-ađeżjoni kif ukoll fl-Unjoni Doganali tagħna mat-Turkija, u b'hekk insaħħu mill-ġdid il-kontroll tal-fruntieri esterni tagħna għall-merkanzija, b'mod partikolari għall-ktajjen ta' provvista kritiċi u s-sanzjonijiet.

Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se naħdem ma' membri oħra tal-Kulleġġ biex ngħin fl-indirizzar tal-isfidi marbuta mal-pjattaformi tal-kummerè elettroniku, bl-għadd dejjem jikber ta' merkanzija spiss mhux konformi f'pakketti b'valur ta' inqas minn EUR 150 li jiġu importati direttament minn pajjiżi terzi, mixtrija fuq pjattaformi online.

Fl-2023, kien hemm 2,3 biljun oġġett importat direttament lejn l-UE u 4 biljun oġġett huma mistennija fl-2024. L-awtoritajiet pubbliċi f'seba' Stati Membri biss (in-Netherlands, il-Belġju, Franza, l-Ungerija, l-Italja, Spanja u l-Ġermanja) kienu responsabbli għas-superviżjoni ta' aktar minn 90 % ta' din il-merkanzija. Il-kontrolli doganali jeħtieġu kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li huma responsabbli biex jiżguraw li l-merkanzija tikkonforma mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli, inklużi r-rekwiżiti ambjentali, tas-saħħa, tas-sikurezza u tas-sigurtà.

Iż-żieda qawwija fl-importazzjonijiet tal-kummerè elettroniku teħtieġ azzjonijiet fuq diversi fronti, li jindirizzaw tliet sfidi ewlenin: il-konformità tal-merkanzija, b'mod partikolari f'termini ta' sikurezza; il-kompetizzjoni inġusta bejn in-negozji stabbiliti fl-UE u n-negozjanti u s-swieq ta' pajjiżi terzi mmirati lejn konsumaturi bbażati fl-UE, li spiss ma jikkonformawx mal-leġislazzjoni tal-UE u jieħdu vantaġġ mil-limitu tal-eżenzjoni mid-dazju doganali

ta' EUR 150; u s-sostenibbiltà ambjentali.

Il-Kummissjoni pproponiet u żviluppata għodod biex tindirizza dan il-fenomeni, li jkopru aspetti differenti tal-bejgħ online ta' merkanzija, mill-bejgħ sal-importazzjoni jew it-tqegħid fis-suq tal-UE. Fost dawn, l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, ir-Regolament dwar is-Sorveljanza tas-Suq u r-Regolament dwar is-Sikurezza Ġenerali tal-Prodotti se jkollhom rwol vitali biex jiżguraw li l-prodotti offruti għall-bejgħ online jikkonformaw mar-regoli applikabbli kollha tal-UE. L-UE issa għandha tagħmel użu sħiħ mis-sett ta' għodod disponibbli biex iżżid il-konformità tal-merkanzija mibjugħa online u l-importazzjoni ta' merkanzija tal-kummerċ elettroniku.

Fil-qasam doganali, it-Tieqa Unika Doganali tal-UE diġà tippermetti kooperazzjoni awtomatizzata u diġitali bejn l-awtoritajiet doganali u tas-sorveljanza tas-suq billi tiffaċilita l-iskambji tad-*data* f'ħin reali. Ir-riforma Doganali tal-UE proposta se ggħib soluzzjonijiet fit-tul u sistemiċi għall-isfida tal-kummerċ elettroniku. Din se ssaħħaħ il-kapaċità tad-dwana li tissorvelja u tikkontrolla l-flussi, bis-saħħa tal-EUCA u l-Pjattaforma tad-*Data* Doganali tal-UE, u b'hekk tippermetti approċċ imtejjeb tal-UE għall-ġestjoni tar-riskju. Se tibni wkoll fuq l-esperjenza ta' suċċess tal-leġiżlazzjoni tal-VAT, bl-introduzzjoni tal-kunċett ta' "importatur preżunt", f'dan il-każ għal pjattaforma tal-kummerċ elettroniku, li jkun responsabbli għall-ħlas korrett tad-dazji u t-taxxi, iżda wkoll għall-konformità tal-prodott mar-regoli rilevanti tal-UE. Ir-riforma Doganali se tabolixxi wkoll l-eżenzjoni mid-dazju ta' EUR 150 u tintroduċi trattament tariffarju simplifikat li jiġbor flimkien ir-rati tad-dazju f'"buckets" bħala simplifikazzjoni volontarja, filwaqt li tiġi evitata l-prattika attwali li l-pakketti jinqasmu biex jibqgħu taħt il-limitu tal-eżenzjoni.

Huwa importanti li l-koleġiżlaturi jadottaw il-Pakkett ta' Riforma Doganali malajr kemm jista' jkun, peress li din ir-riforma ggħib magħha kapaċità strateġika reali għall-UE biex taġixxi bħala entità waħda fir-rispons għat-theddid ippreżentat mit-traffiku illeċitu u mhux konformi tal-kummerċ elettroniku, b'mod li jippermettilna niproteġu aħjar liċ-ċittadini tagħna mill-ħsara u l-impjieg, l-innovazzjoni u l-industrija tagħna minn kompetizzjoni inġusta. Fl-istess ħin, għalhekk, se nagħmel kuntatt mal-Kummissarji responsabbli għall-fajls rispettivi biex niżgura approċċ li jkopri l-angoli kollha. Jekk il-mudell kummerċjali jitqies li jisfrutta d-diffikultà strutturali biex jiġu applikati biżżejjed kontrolli tal-konformità għall-volumi enormi ta' merkanzija ppakkjata individwalment u mibgħuta minn barra l-pajjiż, għandna nkunu miftuħa wkoll għal miżuri oħra.

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-IT tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, filwaqt li l-iżvilupp tal-Kummissjoni jinsab fit-triq it-tajba, id-dewmien ikkawżat minn varjetà ta' fatturi fl-Istati Membri qed ikollu impatt fuq it-tweġiq ġenerali. Id-dewmien fi Stat Membru wieħed għandu effett parallel fuq oħrajn, b'mod li jdewwem l-użu ta' ċerti faċilitazzjonijiet kummerċjali, kif imsemmi fir-Rapport ta' progress Annwali tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni għall-2023. Il-Kummissjoni qed twettaq diversi azzjonijiet ta' mitigazzjoni, li beħsiebni nkompli u nintensifika. B'mod partikolari, nirreferi għal superviżjoni u monitoraġġ imsaħħa tal-implimentazzjoni tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni permezz ta' żjarat fuq il-post, assistenza msaħħa u ddedikata lill-Istati Membri li jiffaċċjaw kwistjonijiet bis-sistemi trans-Ewropej, finanzjament ewlieni ddedikat taħt l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku għall-2024, u b'mod ġenerali, appoġġ iddedikat u mfassal apposta fil-limiti tal-mandat u l-baġit tal-Kummissjoni.

Mistoqsija mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali

12. L-adeżjoni ta' pajjiżi terzi mal-konvenzjonijiet u r-rispett għall-Artikolu 218(6) tat-TFUE

Diversi konvenzjonijiet internazzjonali li għalihom l-Unjoni Ewropea hija parti, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Konferenza tal-Aja, jipprevedu l-adeżjoni ta' Stati terzi permezz ta' klawżoli li jstabbilixxu proċedura ta' "silenzju/nuqqas ta' oġġezzjoni" fil-livell internazzjonali. Fl-Opinjoni 1/13 tagħha tal-14 ta' Otubru 2014, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea sostniet li l-att ta' adeżjoni u d-dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni ta' tali adeżjoni jikkostitwixxu ftehim internazzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 218 tat-TFUE. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2023 dwar l-appoġġ għall-adeżjoni tal-Ukrajna mal-Konvenzjoni tat-2 ta' Lulju 2019 dwar ir-Rikonossiment u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi Barranin f'Materji Ċivili jew Kummerċjali (2023/2689(RSP)), il-Parlament qies li l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 218(6) tat-TFUE għandha tiġi segwita fi kwistjonijiet li jikkonċernaw l-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-UE rigward l-adeżjoni minn stati terzi għall-Konvenzjonijiet tal-Konferenza tal-Aja. F'dan is-sens, għal kull adeżjoni ta' pajjiż terz għal Konvenzjoni tal-Aja li taqa' taħt mekkaniżmu ta' nuqqas ta' oġġezzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta proposta għal deċiżjoni lill-Kunsill, li jieħu tali deċiżjoni bil-kunsens tal-Parlament. Jekk il-Kunsill, bil-kunsens tal-Parlament, jiddeċiedi li "joġġezzjona" għall-istabbiliment ta' relazzjonijiet skont il-Konvenzjoni ma' Stat Kontraenti ġdid, il-Kummissjoni jkollha tinnotifika lid-Depożitarju kif xieraq. Proċedura bħal din biss tippermetti li tiġi rispettata l-allokazzjoni tas-setgħat skont it-Trattati, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar ftehimiet internazzjonali. Madankollu, il-Kummissjoni qieset, b'mod partikolari fid-dibattitu dwar din il-kwistjoni fil-

Plenarja tal-14 ta' Diċembru 2023, li l-obbligi tagħha f'dan ir-rigward huma biss obbligi ta' informazzjoni: il-Kummissjoni tinpenja ruħha li tinforma lill-Parlament u lill-Kunsill u li tqis il-fehmiet tagħhom. Għalhekk, meta tiddeċiedi jekk tippromponix deċiżjoni ta' oġġezzjoni, il-Kummissjoni tinforma lill-Parlament dwar kwalunkwe intenzjoni ta' adeżjoni ta' pajjiż terz mal-konvenzjoni rilevanti tal-Aja, filwaqt li tqis kif xieraq il-fehmiet espressi. Jekk, wara diskussjonijiet fil-Kunsill u l-Parlament, jidher li ma hemm l-ebda raġuni biex issir oġġezzjoni għall-adeżjoni tal-Istat terz, il-Kummissjoni ma tiħux pożizzjoni formalment, kif inhi l-prattika attwali. Minħabba li din il-proċedura tinbeda biss meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li tagħmel proposta u li tqajjem oġġezzjoni, l-allokazzjoni tas-setgħat fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet kif stabbilit fl-Artikolu 218 tat-TFUE hija tabilħaqq distorta. Jekk il-ħatra tiegħek bħala Kummissarju tiġi kkonfermata, kif beħsiebek tiżgura li l-Kummissjoni, fil-każ tal-adeżjoni ta' Stati terzi ma' ftehimiet internazzjonali li fihom klawżoli ta' nuqqas ta' oġġezzjoni, tirrispetta l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 218(6) tat-TFUE u b'hekk tiżgura li l-proċedura korretta tat-teħid tad-deċiżjonijiet u d-distribuzzjoni tal-kompetenzi skont it-Trattati jiġu osservati?

Jien impenjat bis-sħiħ li niżgura r-rispett sħiħ tal-proċeduri stabbiliti fit-Trattati u l-prerogattivi istituzzjonali tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Infakkar li l-Kummissjoni diġà tinforma b'mod konsistenti kemm lill-Parlament Ewropew kif ukoll lill-Kunsill dwar kull adeżjoni maħsuba ta' pajjiż terz għall-Konvenzjonijiet bi proċedura ta' ebda oġġezzjoni, bil-ħsieb li jiġi diskuss jekk għandhiex tiġi kkunsidrata oġġezzjoni. Il-Kummissjoni tqis bis-sħiħ il-fehmiet espressi fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill. Ninsab lest li nħares aktar lejn modi kif nottimizza l-kooperazzjoni interistituzzjonali f'dan ir-rigward.

Mistoqsija mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet

13. It-trasparenza tal-proċeduri ta' ksur kif ukoll il-komunikazzjoni lill-petizzjonanti dwar is-sitwazzjoni attwali tal-proċeduri ta' ksur jeħtieġ li jittejbu għall-benefiċċju tal-proċess tal-petizzjoni. Barra minn hekk, il-proċeduri ta' ksur jibqgħu miftuħa għal snin spiss mingħajr ebda progress. Il-Kumitat PETI japprezza aktar proattività u awtomatiċità meta jirċievi informazzjoni fil-qosor dwar is-sitwazzjoni attwali tal-proċeduri ta' ksur marbuta mal-petizzjonijiet bħala parti mid-djalogu strutturat bejn il-Kumitat PETI u l-Kummissarju responsabbli għall-petizzjonijiet. Fid-dawl ta' dan, x'azzjonijiet speċifiċi tistabbilixxi biex tiżgura trattament imtejjeb, koordinazzjoni aħjar u informazzjoni regolari u f'waqtha dwar is-sitwazzjoni attwali tal-proċedimenti ta' ksur u l-EU Pilots marbuta mal-petizzjonijiet; tħaffef ir-riżoluzzjoni ta' każijiet ta' ksur relatati li ilhom pendenti biex tiżgura li ċ-ċittadini ma jitħallewx jistennew b'mod indefinit għal eżitu; timplimenta għodda tal-IT interistituzzjonali ġdida bejn il-Kummissjoni u l-Parlament li tiffaċilita l-aċċess għal dan tal-aħħar għall-informazzjoni rilevanti kollha marbuta mal-petizzjonijiet u tinkludi dawn ir-rekwiżiti għall-Kummissjoni fir-reviżjoni tal-Ftehim Qafas?

Il-Kummissjoni tagħti importanza kbira lit-trasparenza tal-attivitajiet tagħha biex tinforza l-liġi tal-UE minħabba li dan jippermetti lill-pubbliku ġenerali jinvolvi ruħu fir-responsabbiltà kondiviża tal-infurzar u jista' jikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' konformità aktar rapida mill-Istati Membri.

Il-Kummissjoni diġà ħadet diversi passi biex tirrendi pubblika l-informazzjoni rilevanti. Reġistru pubbliku dwar każijiet ta' ksur jipprovdi informazzjoni aġġornata dwar il-pass l-aktar reċenti li jkun sar f'kull każ. L-istqarrijiet għall-istampa jiġu ppubblikati dwar l-aktar deċiżjonijiet ta' ksur importanti adottati f'ċikli regolari ta' ksur. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tippubblika rapport annwali dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-dritt tal-UE, li jstabbilixxi x-xejriet ewlenin, jagħti dettalji dwar il-kooperazzjoni mal-Istati Membri u jidentifika oqsma fejn huma meħtieġa sforzi addizzjonali. Il-Parlament jista' jitlob ukoll informazzjoni dwar każijiet ta' ksur speċifiċi u li għadhom għaddejnin, f'konformità mal-Ftehim Qafas tal-2010.

Huwa importanti wkoll li s-sistema ssir aktar faċli biex tintuża miċ-ċittadini. Ir-reġistru pubbliku issa jista' jintuża biex wieħed ifittex petizzjonijiet, b'link għall-Portal tal-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Dawn l-iżviluppi jagħmluha aktar faċli għall-pubbliku biex isib każijiet ta' ksur eżistenti dwar suġġetti speċifiċi, biex isegwi l-progress u biex jivverifika jekk hemmx xi petizzjoni marbuta ma' investigazzjonijiet li huma għaddejja.

Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se nibni fuq dawn l-azzjonijiet ta' trasparenza msaħħa u se nipproponi li nikkollega aktar ir-reġistru pubbliku tal-Kummissjoni tad-deċiżjonijiet ta' ksur u l-Portal tal-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Klikk sempliċi għal petizzjonant fil-Portal tal-Petizzjonijiet għandu jkun biżżejjed biex wieħed jasal għall-każ ta' ksur rilevanti fir-reġistru pubbliku tal-Kummissjoni, u viċi versa. It-tweġibiet mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew dwar petizzjonijiet marbuta ma' proċeduri ta' ksur u djalogi EU Pilot jeħtieġ li jirreferu b'mod konsistenti għall-każ rilevanti u s-sitwazzjoni attwali.

Se nsaħħaħ ukoll it-trasparenza tal-azzjoni ta' infurzar tagħna, b'paġni web ġodda li jagħtu informazzjoni faċli għall-utent dwar il-każijiet ta' ksur (inklużi x-xejriet u ż-żmien biex wieħed jikkonforma ma' sentenza tal-Qorti, jew iż-żmien medju tat-trattament tal-każijiet), id-defiċit tat-traspożizzjoni, id-defiċit tal-konformità u d-djalogi EU Pilot. B'mod partikolari, smajt is-sejħa għal aktar trasparenza dwar id-djalogi EU Pilot tagħna u se nipproponi li tinbeda l-pubblikazzjoni ta' aktar informazzjoni fuq il-paġni web tagħna, bħall-għadd ta' djalogi EU Pilot immedija, magħluqa u miftuħa fi tmiem kull sena, kif ukoll aktar ħarsa ġenerali tal-Istati Membri, l-oqsma ta' politika jew is-suġġetti involuti. Fir-rigward tal-kwistjoni dwar il-ħolqien ta' għodda interistituzzjonali ġdida tal-IT, jiena lest li nivvaluta l-fattibbiltà bejn il-Kummissjoni u l-Parlament, fil-limiti tar-riżorsi baġitarji disponibbli.

Fir-rigward tal-inklużjoni ta' dawn l-elementi fil-Ftehim Qafas, il-Kummissjoni se tikkunsidra bir-reqqa t-talbiet tal-Parlament.